NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċà ta' San Ġorġ - Għawdex*

Novembru - Diċembru 2007 Nru 159

# "JIEN QIEGĦED FOSTKOM NAGĦMILHA TA' QADDEJ"



Xieraq insejjaħ hekk dan ir-rapport ħafif fuq iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta ma' l-inawgurazzjoni tal-ministeru ta' Mons. Pawlu Cardona, għax il-motto li għażel kien il-versett mill-Vanġelu skond San Luqa: "Jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej" (Lq 22:27).

Ma nistax nidħol f'dettallji fuq żjajjar li għamel fiċ-ċentri u fi knejjes madwar ir-Rabat, fl-iskejjel u lill-morda. Inżid li qabel il-ġimgħa li wasslitna għall-pussess l-arċipriet il-ġdid żar is-sede tas-Soċjetà La Stella (21 ta' Ottubru) u qaddes fil-knisja parrokkjali Ta' Sannat (27 ta' Ottubru). Fil-limiti li kellna bħala kumitat organizzattiv ippruvajna ninkludu kull aspett tal-membri tal-parroċċa.

**Lejn jum il Pussess**

It-Tnejn 29 ta' Ottubru Dun Fabio Attard SDB (li hu u l-arċipriet stqarru li jafu sew lil xulxin) mexxielna seminar fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia, konna rappreżentanza sabiħa minn diversi kategoriji fostna, bil-kumitati u l-kummissjonijiet. Bena fuq tagħlim tal-papa Benedittu XVI biex jissuġġerixxi kif tista' tinbena l-komunjoni fil-komunità parrokkjali, fi stat kontinwu ta' tiġdid. Dam jitkellem xi tliet kwarti (bl-għajnuna tal-powerpoint) iżda l-istil tiegħu jġagħlek tibqa' attent il-ħin kollu. U wara ma naqsux mistoqsijiet u kummenti, li komplew jagħmlu din il-laqgħa ħajja u utli. Żgur hemm l-intenzjoni li ma tkunx l-unika okkażjoni bħal din!

L-għada Mons. Cardona ltaqa' fil-bażilika mat-tfal tad-duttrina: numru qawwi, flimkien ma' katekisti u ġenituri, jitolbu u jkantaw. Pauline Grech mexxiet id-daqq tal-kitarri u spjegat dak li kienu jaraw fuq il-liżar tal-projector armat fuq il-presbiterju. Dun Pawl għoġobhom lit-tfal, li dehru attenti sew waqt il-priedka ddjalogata. Verament ħassu komdu magħhom – sensazzjoni reċiprokata. Imbagħad spiċċaw b'xi ħaġa tal-ħelu fiċ-ċentru.

L-Erbgħa morna għat-tarf l-ieħor ta' l-età – quddiesa mill-arċipriet għall-anzjani u l-morda: ħeġġiġhom jitolbu għall-bżonnijiet tal-parroċċa u jsegwu dak li jkun jiġri fiha. Wara l-omelija għamlilhom il-Griżma tal-Morda, megħjun mis-saċerdoti li telqu mill-konfessjonarji fejn kienu jqarru; għax diversi ħatfu l-okkażjoni biex jirċievu dan is-sagrament ukoll. U wara daħlu fiċ-ċentru għal tombla (f'idejn il-Ladies Society) u xi ftit ikel mill-kċina tagħna.

U bdejna Novembru: ix-xahar tal-mejtin, tal-qdusija universali (skond il-kariżma tal-Moviment Pro Sanctitate, li fih Mons. Cardona hu attiv), u tal-pussess. Nhar il-Qaddisin kollha kellna jum ta' espożizzjoni solenni f'estensjoni tal-quddies il-jum kollu. Fi tmiem l-aħħar waħda mexxa velja b'talb u riflessjonijiet, imżewqa b'innijiet bl-għajnuna ta' Dun George J. Frendo fuq l-orgni. Kienu siegħa u nofs mill-isbaħ għal-lajċi (u qassisin) li mlew il-knisja. Imbagħad l-għada rajna konkorrenza qawwija għall-quddies kontinwu, anki wara nofsinhar.

Ikompli f'paġna 4...



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex.**
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: ilbeltvictoria@gmail.com
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

**30-09-2007** **Carina**, bint George Vassallo u Frances Galea
**14-10-2007** **Karolynn**, bint Anthony Ellis u Sarah Cassar
**27-10-2007** **Jerome**, iben George Portelli u Frances Galea

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

**10-11-2007** **Anthony Vella** u **Sharon Vella**

### Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

**03-10-2007** Ġużeppi Cassar
**28-10-2007** Josephine Zammit
**12-11-2007** Marija Teresa Galea
**18-11-2007** Nazzarena Grech
**23-11-2007** Josephine Bartolo
**29-11-2007** Pawlu Rapa

## Nifirħu lil...

- Mons. Ġużeppi Attard, li ħa l-pussess bħala arċipriet tal-parroċċa ta' l-Assunta tal-katidral ta' Għawdex, nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru 2007, waqt konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech
- Patri Ġorġ Attard OFMConv, iben il-parroċċa, li ġie maħtur mill-provinċjal tal-Franġiskani Konventwali Maltin, Patri Samuel Chetcuti OFMConv bħala l-gwardjan il-ġdid tal-komunità tal-Franġiskani Konventwali f'Għawdex, li għandha l-knisja tagħha fil-belt Victoria. Nilqgħu fostna wkoll lil Patri Joseph Xerri OFMConv, li beda jagħmel parti mill-istess komunità. Fl-istess waqt insellmu lill-eks gwardjan Patri Michael M. Attard, u lil Patri Duminku Bonello u Patri Ruġġier Camilleri, u rroddulhom ħajr tas-servizz li taw f'din il-komunità fl-aħħar snin.
- Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia, seminaristi tal-parroċċa, li għamlu r-Rit ta' l-Ammissjoni waqt Ċelebrazzjoni tal-Kelma mmexxija mill-isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, fil-knisja arċipretali tal-verġni Marija ta' Loreto, Għajnsielem, nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru 2007.
- George Apap, bandist żagħżugħ u għalliem ta' l-allievi fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* kif ukoll membru tal-kor Laudate Pueri, li kiseb b'suċċess il-Liċenzjat tal-Kulleġġ tal-Mużika f'Londra (LLCM) fil-klarinett. Nawgurawlu fl-istudji mużikali tiegħu.
- Dr Maria Frendo, *leader* tal-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*, għall-inkarigu ġdid ta' lekċerer li rċiviet fl-Università ta' Malta wara konkors għal post fid-Dipartiment ta' l-Ingliż tal-Fakultà ta' l-Arti.
- Tony Zammit, kollaboratur attiv fil-parroċċa, għall-inkarigu ġdid li ngħata fil-*Malta Environment and Planning Authority*, f'Ottubru 2007.

# Editorjal

**Stedina għall-Kelma ta'Alla**
Matul dawn il-ġranet il-parroċċa qed tagħmlilna sejħa biex niltaqgħu bħala komunità u nitolbu u nimmeditaw fuq il-Kelma ta' Alla. Kemm hu ta' min japprezzaha sejħa bħal din, fid-dawl tal-ħajja mgħaġġla li ngħixu u li kulma jmur tħaddan aspetti li jbegħduna mill-ispirtu tal-Vanġelu. Il-Kelma ta' Alla fuq kollox għandha tkun il-kumpass li jiggwidana fil-ħajja u għalhekk din is-sejħa li qed jagħmlilna Kristu permezz tal-parroċċa ma nistgħux ma nikkunsidrawhiex. Għalhekk intennu l-appuntamenti ta' nhar ta' Tnejn u Tlieta għal-*Lectio Divina* fis-7.30pm u għall-adorazzjoni fis-skiet nhar ta' Ħamis wara l-quddies tas-7.00 sad-9.30pm fil-kappella ta' Ġesù u Marija.

**Il-festi tal-pussess**
Issa li l-festi tal-pussess għaddew il-parroċċa tkompli l-mixja tagħha. Il-festi li għaddew kienu mumenti mill-aktar sinifikattivi. F'din il-ħarġa qegħdin nippubblikaw rapport dettaljat fuq dak kollu li seħħ b'rabta ma' dawn il-festi. Grazzi lill-membri tal-parroċċa li kkollaboraw u ħadu sehem f'dawn il-festi.

Dakinhar tal-pussess ħarġet ġurnata sabiħa, okkażjoni perfetta biex il-belt ta' Għawdex tilqa' fi ħdanha lil mexxej spiritwali, awgurju mill-isbaħ għall-bidu ta' ministeru pastorali ġdid. Akkumpanjat mill-banda *Santa Margerita* u l-banda *La Stella* u skortat mill-membri ta' l-*iScouts*, Mons. Cardona tela' minn Triq ir-Repubblika u daħal fi Pjazza San Ġorġ. Waqt il-konċelebrazzjoni bosta kienu l-mumenti kommoventi u sinifikattivi fejn rajna lil Mons. Cardona jniedi uffiċjalment il-ministeru pastorali tiegħu fil-parroċċa tagħna.

Ħa nħallu l-Kelma ta' Alla tkun id-dawl fil-mogħdija tagħna tul il-mixja mar-ragħaj il-ġdid ta' din il-komunità, biex nagħmlu frott tajjeb fi żmienu.

**Kalendarju 2008**
Ma' din il-ħarġa qed joħroġ ukoll is-suppliment bil-kalendarju parrokkjali għas-sena 2008.

# *Messaġġ mill-Arċipriet* ***Mons. Pawlu Cardona***

info@stgeorge.org.mt



Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja ta' *Il-Belt Victoria,*

Għadna kemm iċċelebrajna l-festa tal-Milied, festa ta' ferħ u ta' paċi, festa tal-familja, festa tagħna lkoll. Fakkarna bil-ferħ il-misteru tat-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, twelid li jurina l-kobor u d-dinjità tal-persuna umana. L-Iben ta' Alla sar bniedem biex jagħti lili u lilek il-grazzja li nsiru wlied Alla l-Missier. "Agħraf, o Kristjan, il-kobor tiegħek; int, li sseħibt ma' Alla fin-natura tiegħu, la terġax taqa' fil-post baxx ta' dari b'ħajja m'hix xierqa" (San Ljun il-Kbir, Papa). Dan hu l-misteru li ċċelebrajna bil-fidi fil-liturġija mqaddsa tat-twelid ta' Ġesù tarbija. Nittama li dan il-Milied sabna mħejjija tajjeb ħalli nilqgħu ġewwa fina lil Gesù, l-"Alla magħna", u nsiru ħaġa waħda miegħu. Għax kif jgħallimna San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu, "lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, dawk li twieldu u...u minn Alla" (ara Ġw 1:12 13).

Nieħu din l-okkażjoni biex irrodd ħajr lill-bord editorjali tar-rivista *Il-Belt Victoria.* Grazzi wkoll lill-kollaboraturi kollha tal parroċċa tagħna, b'mod partikulari lil ħuti s-saċerdoti, għas-sehem li taw u qed jagħtu għall-ġid tal-komunità parrokkjali tagħna, kemm fis-servizz liturġiku u fit-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, kemm fil-ministeru tal-karità. Ngħid grazzi lil tant benefatturi, u fosthom lill-morda u l-anzjani li joffru t-talb tagħhom għall-qdusija tal-komunità parrokkjali tagħna: Ġesù tarbija jagħtikom dak kollu li għandkom bżonn.

Nawgura lil kulħadd sena ġdida mimlija bl-hena u l-paċi fil-Mulej.

**Il-Mulej iberikkom.**



# Digriet tal-Pussess ta' Mons. Pawlu Cardona bħala arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ, il-belt Victoria, Għawdex

**4 ta' Novembru 2007**

Għall-grazzja ta' Alla u tas-Sede Appostolika Isqof ta' Għawdex.

Lill-maħbub tagħna li Kristu, Mons. Pawlu Cardona, paċi u sliem.

"Sakemm Kristu jissawwar" (Gal 4:19) fil membri tal-parroċċa ta' San Ġorġ martri, inħeġġek biex b'imħabba kbira teżerċita l-ministeru ta' arċipriet ta' din il-parroċċa li llum qiegħed nafda f'idejk.

Wara li jien stess smajt u osservajt il-ħajja ta' din il-komunità parrokkjali, nassigurak li qed nafdalek poplu li hu għatxan għal Kristu. Għalhekk huwa poplu li qed jistenna minnek, bħala arċipriet tiegħu, li inti taqdih primarjament billi tlaqqgħu ma' Ġesù permezz tal-Kelma ta' Alla u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti.

Il-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni m'hijiex waħda ħafifa! Imma qed ngħaddilek komunità li m'hix sajma minn tagħlim fuq Kristu u anqas hija barranija



Ikompli f'paġna 9...

*...jaqbad minn paġna 1.*

Is-Sibt il-membri tal-Presbyterium kellhom nofstanhar fil-kunvent ta' Santu Wistin (immexxi minn Patri William Axiaq OFMCap), u wara kielu flimkien. Flgħaxija l-Victoria International Arts Festival tella' kunċert f'serata f'ġieħ l-arċipriet il-ġdid, fil-preżenza ta' bosta mistednin distinti fost udjenza ta' membri tal-parroċċa u barranin li mliet il-bażilika. Insemmi biss lill-isqof Grech, lill-iSpeaker, lill-Ministru Debono, lill-Kapitlu ta' San Ġorġ (immexxi mill-arċipriet emeritu, li filfatt kien prominenti sew f'bosta minn dawn l-attivitajiet) u kanonċi oħra, lil uffiċċjali tas-Soċjetà La Stella u lill-familjari.

Il-parti mużikali tmexxiet mill-Prof. Joe Vella (maestro di cappella) bil-Victoria International Baroque Ensemble, il-kor Laudate Pueri u s-solisti Antoinette Camilleri, Maria Frendo, Joseph C. Mercieca u Gillian Zammit. Fost il-kompożituri magħżula kellna lil Giuseppe Balzano, għax kien kunċert ta' mużika Barokka Maltija. Patri Mario Farrugia SJ, professur l-Università Pontificia Gregoriana, qara diskors profond fuq il-teoloġija u r-rwol tal-qassis kif ifissirhomlna San Ġwann Krizostmu. Kuġina ta' Mons. Cardona (Marì Vella) tatna poeżija, b'kumbinazzjoni bl-ispunt tal-vuċi dehbija tal-Krizostmu. U bla dubju l-Kav. Joe M. Attard żamm l-appuntament ukoll! Is-serata (milqugħa b'ċapċip ta' apprezzament) intemmet b'messaġġi mill-arċipriet il-ġdid u mill-isqof (li hu dekan tal-kapitlu). Komplejna b'riċeviment, u anki ikla għall-ħbieb ta' Dun Pawl li ġew apposta mill-Italja.

Kienet okkażjoni xierqa mogħtija lil xi ħadd li telaq daru f'Ruma biex aċċetta t-talba ta' l-isqof li jiġi jaqdina; u aħna offrejnielu l-aħjar li għandna!

**Jum il-Pussess**

Din il-prova ta' kemm ftaħnielu qalbna – u dirgħajna – kompliet tikkonferma ruħha l-għada l-Ħadd 4 ta' Novembru: folol, qniepen, bnadar u sparar. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet fil-knisja parrokkjali fejn irċieva l-magħmudija – it-tiżjin u ċ-ċapċip urew kemm is-Sannatin hassew l-"unur" li wieħed minnhom ingħata din l-inkarigu prestiġjuż. Flimkien ma' l-arċipriet Tarcisio Camilleri, ommu Rożina u ħutu, Mons. Cardona telaq lejn ir-Rabat. Laqgħetu l-banda Santa Margerita u mar għand Mons. Farrugia biex ikomplu ma' xulxin. Il-banda "ta' pajjiżu" ħallietu fi Triq ir-Repubblika f'idejn il-La Stella biex il-korteo jasal sa Pjazza San Ġorġ imballata. Tgħidx kemm batew il-Victoria Scout Group biex iżommu passaġġ fit-taraġ! Hemm kienu jistennewh l-isqof u l-kapitlu.






Mons. Grech poġġielu stola fuq spallejh – l-ewwel minn sensiela ta' ġesti simboliċi u sinifikattivi ta' din iċ-ċelebrazzjoni twila. Imbagħad kelli l-unur bħala viċi-president tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, iżda f'isem il-komunità sħiħa nagħmillu diskors ta' merħba. Ma stajtx intawwal – konna bilwieqfa mgħaffġin! – iżda nittama li l-essenzjal għidtu. Immedjatament wara r-ragħaj tad-djoċesi stieden lir-ragħaj tal-parroċċa biex jiftaħ il-bieb tal-bronż halli stajna nidħlu għall-quddiesa. Laqagħna l-kant tal-Laudate Pueri, li sintendi f'dawn il-funzjonijiet kellhom sehem essenzjali... u tal-livell li darrewna bih! Kienet ċerimonja mill-kbar – sfortunatament l-ispazju hu dak li hu – bil-bosta mistednin (inklużi l-awtoritajiet u l-membri tal-familja numeruża ta' Mons. Cardona); kien hemm min ħassu diżappuntat li ma sabx "post tajjeb".

Il-presbiterju mtela bil-konċelebranti (inklużi kważi l-kappillani kollha) lebsin ilbies aħmar, għax, kif xieraq, intużat il-liturġija tal-patrun San Ġorġ. Kien hemm anki delegazzjoni mill-kapitlu tal-katidral. B'Mons. Cardona u Mons. Ġużeppi Attard (l-arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tal-katidral) fuq il-lemin ta' l-isqof u b'Mons. Farrugia u Mons. Scicluna n-naħa l-oħra, segwejna b'attenzjoni lill-kanċillier tal-kurja (Mons.



Salv Debrincat) jaqra d-digriet uffiċjali tal-ħatra u lil Mons. Cardona jiehu l-ġurament u jiffirma. Xhieda kienu Pawlu Zammit mill-parroċċa tagħna u Mikiel Xiberras minn Ta' Sannat. Michael Formosa (f'isem il-komunità parrokkjali) u oħt Dun Pawl (Ġuża) qraw il-lezzjonijiet, waqt li Dun Joseph C. Mercieca kanta s-salm mal-ġemgħa. L-arċipriet Cardona qara l-Vanġelu. Ma hemm bżonn ngħid xejn fuq l-omelija ta' Mons. Isqof peress li tidher separatament f'din il-ħarġa – illi laqtuni r-riferenzi għal kemm l-arċipriet il-ġdid għandu fuqhiex jibni.

L-isqof tah iċ-ċwievet u marru proċessjonalment lejn il-fonti biex l-arċipriet il-ġdid seta' jdur iroxxna. Marru biex jiftaħ it-tabernaklu u jpoġġi fuq is-sedja u fil konfessjonarju – riferenzi għad dmirijiet u s-setgħat ta' kappillan; u fil-kor, bħala t-tieni dinjità kapitulari. Imbagħad it-tnejn li huma ġibdu l-ħabel biex stajna nisimgħu 'l Ġorga, il-qanpiena l-kbira storika li "tiddomina" r-Rabat; u ċapċapna!

It-talbiet universali qrawhom rappreżentanti ta' San Ġorg, tal-familja u ta' San Liborju (fejn, kif nafu, kien kappillan f'Ruma). L-offerti twasslu minn ommu, ħutu u zijuh. It-talba ta' wara t-tqarbin kienet dik għall-interċessjoni ta' San Ġorġ li kien kiteb Mons. Farrugia. Fi tmiem il-quddiesa l-arċipriet novell qara diskors qasir u r-rappreżentant tan-nunzjatura (Mons. Perici) ippreżentalu midalja. Hawn l-isqof għamel riferenza għal ħidmet l-arċipriet Farrugia: spunt għal ċapċipa ttarrax! U komplejna nkantaw mill-qalb lil San Ġorġ, u bil-qniepen jużaw leħinhom ukoll.

**Wara l-Pussess**

Fit-tlett ijiem ta' wara Mons. Cardona kellu l-"at home" fid-dar parrokkjali. Imbagħad il-Ħamis l-arċipriet mexxa laqgħa mal-familji fiċ-ċentru. Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru hi l-festa ta' l-anniversarju tad-dedikazzjoni ta' l-arċibażilika tal-Lateran (il-katidral tal-Papa). Minħabba l-aggregazzjoni li għandna, hi solennità għalina: okkażjoni oħra meta l-isqof djoċesan jiġi jmexxi pontifikal. B'deċiżjoni naturali integrajniha fil-festi tal-pussess; anzi waqt il-quddiesa ngħata l-mandat lill-katekisti. Fl-omelija tiegħu Mons. Grech uża l-eżempju ta' Mons. Alfred Xuereb biex iħeġġiġna nfittxu t-tagħlim f'rabta mal-Papa. L-aħħar appuntament kien is-Sibt filgħaxija: laqgħa ta' l-arċipriet maż-żgħażagħ organizzata mit-23four>>. Anki hawn rajna parteċipazzjoni qawwija f'suċċess ieħor fost is-sensiela ta' dawn il-ġranet speċjali li kkonfermaw il-karattru – u l-karatteristiċi – tagħna.

Ma naħsibx li għandi bżonn insemmi li Leħen il-Belt Victoria kellu sehem essenzjali biex il-parteċipazzjoni ma tkunx limitata għal dawk li setgħu jkunu fiżikament preżenti. Inżid li, għalkemm l-impenji lill-arċipriet ma ppermettewlux jilqa' l-istediniet biex jinstema' mill-istudjows, leħnu m'hux nieqes; rari tgħaddi ġurnata li ma tixxandarx xi quddiesa (normalment tad-9.00am, b'daqsxejn ta' omelija) jew funzjoni oħra tiegħu.



Filfatt, għalkemm laqgħat organizzattivi għadhom ma ħadux ir-ritmu, l-arċipriet Cardona diġà ħa bosta inizjattivi għal talb u tagħlim, inklużi dawk li kienu baqgħu pendenti minn Settembru.

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

# Imkejjen u sinjali fir-rit tal-Pussess ta' l-Arċipriet

Tifsira qasira tas-sens tagħhom minn Dun Injazju Borg

Dawk li osservaw ir-rit tal-pussess ta' l-arċipriet xi ġimgħat ilu, żgur li taw kas tal-purċissjoni li, akkumpanjat mill-isqof, huwa għamel għal diversi mkejjen fil-knisja. Qabel il-quddiesa l-arċipriet ħabbat fuq il-bieb prinċipali tal-knisja sakemm dan infetaħ. Fl-att penitenzjali tal-quddiesa huwa niżel ħdejn il-battisteru maġenb il-bieb il-kbir tal-knisja, fejn bierek lill-ġemgħa bl-ilma tal-fonti. Iktar tard tela' jħabbar il-Vanġelu minn fuq l-ambone. Wara l-omelija mar qagħad bilqiegħda fuq is-sedja taċ-ċelebrant; wara għamel żjara qasira lit tabernaklu fil kappella tas Santissmu Sagrament; imbagħad daħal f'wieħed mill-konfessjonarji u libes l-istola vjola; u fl-aħħar niżel fil-korsija u ġibed tliet tokki tal-qanpiena l-kbira. F'jum ieħor wara ċ-ċerimonja tal-pussess l-arċipriet mar ukoll iżur iċ-ċimiterju tal-parroċċa u ċċelebra l-Ewkaristija hemm. Dawn huma kollha riti li tissuġġerixxi l-liturġija għas-sens sħiħ tal-bidu tal-ministeru pastorali ta' kappillan jew arċipriet fil-komunità tiegħu. Imma x'ifissru eżatt dawn is-sinjali u x'inhi t-teoloġija marbuta magħhom? **Dun Injazju Borg**, kappillan tal-parroċċa ta' San Lawrenz u membru tal-Kummissjoni Liturġika tad-djoċesi, jagħtina ħjiel qasir tat-tifsira tagħhom.

**Il-battisteru (jew fonti tal-Magħmudija)**

Il-battisteru jew fonti huwa l-post fejn jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija, fejn min jitgħammed isir bniedem ġdid. Il-fonti tal-Magħmudija hu msejjaħ il-qabar mill-Missirijiet tal-Knisja, f'rabta ma' kliem San Pawl: "Ma tafux li aħna lkoll, li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija biex kif Kristu kien imqajjem mill-mewt... hekk aħna nghixu hajja ġdida" (Rum 6:3-4). Oħrajn iħarsu lejn il-fonti bħala l-ġuf tal-Knisja fejn jitwieldu l-ulied. San Ambroġ jistqarr: "Ara fejn tgħammidt, minfejn ġejja l- Magħmudija. Mhux mis-Salib ta' Kristu? Bata għalik, fih ġejt mifdi, fih ġejt salvat".

Hu dmir kbir ta' l-arċipriet li bix-xandir tal-Kelma jwassal lill-ulied ġodda biex isiru ulied Alla permezz tal-Magħmudija.



**L-ambone**

L-ambone hu l-post fejn "fil-liturġija... Alla jkellem lill-poplu tiegħu u Kristu jħabbar il-Bxara t-tajba tiegħu" (*Sacrosanctum concilium* 33). Il Kelma ta' Alla jistħoqqilha ġieħ kbir; għalhekk jeħtieġ li fil-knisja jkun hemm post li jixraq lix-xandir tagħha. Għaliex



l-imħabba lejn l-Iskrittura Mqaddsa hija l-għajn li twassal għall-vera konverżjoni. L-ambone huwa meqjus bħala l-altar tal-Kelma ta' Alla. San Ġermanu ta' Ġerusalemm jistqarr: "L-ambone huwa xbieha tal-qabar ta' Kristu, l-anġlu li neħħa l-ġebla u kien hemm li ħabbar l-akbar bxara: il-Qawmien ta' Kristu". Hu l-ewwel dmir ta' l-arċipriet li jxandar l-Aħbar it-tajba ta' salvazzjoni lill-merħla fdata lilu.

**Is-sedja**

Is-sedja hi s-siġġu tas-saċerdot, il-post minfejn is-saċerdot imexxi ċ-ċelebrazzjoni liturġika. Il-post tas-sedja juri r-rowl prinċipali li għandu ċ-ċelebrant. "Is-sedja taċ-ċelebrant hi sinjal ta' l-uffiċċju tiegħu bħala president tal-ġemgħa u mexxej tat-talb" (*Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* 271). Għax is-saċerdot huwa r-ras tal-komunità li qed tiċċelebra. Is-sedja wkoll turi r-responsabbiltà ta' l-arċipriet bħala r-ragħaj tal-merħla fdata lilu; bħala r-ras tal-komunità u bħala l-qaddej tagħha. Kif jistqarr Kristu nnifsu fil-Vanġelu, "il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd" (Mk 10:44).





**It-tabernaklu**

It-tabernaklu huwa wieħed mill-postijiet l-aktar għażiż li għandna fil-knisja, għax hu l-post fejn jinżamm il Ġisem ta' Kristu. Kif il-poplu Lhudi kellu t-Tinda tal-laqgħa u fiha kien hemm il-preżenza ta' Alla, hekk ukoll illum għandna t-tabernaklu fejn hemm preżenti b'mod l-aktar reali u ħaj il-Ġisem ta' Kristu. Il-Knisja b'dan il-post trid turina li Kristu mhux biss hu preżenti fostna waqt il-quddiesa iżda anki barra mill-quddiesa. U dan qiegħed hemm għall-adorazzjoni tagħna.

**Il-qanpiena**

Iċ-ċerimonjal tal-bidu tal-ħidma pastorali ta' l-arċipriet jagħlaq billi jdoqq il-qanpiena. Il-qanpiena tfisser stedina, sejħa biex niftakru f'Alla. Hija sejħa biex inħallu l-impenji tagħna u mmorru l-knisja biex niltaqgħu ma' Alla fiċ-ċelebrazzjonijiet qaddisa. Għalhekk il-qanpiena nistgħu nsejħulha l-leħen ta' Alla li jistedinna nersqu lejh.





**Il-konfessjonarju**

Il-konfessjonarju huwa l-post fejn jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Qrar. Huwa l-post tal-ħbiberija u tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla. Għalhekk huwa post li jitlob dinjità, rispett u delikatezza. Il-konfessjonarju għandu jkun post fejn il-penitent iħossu f'postu li b'mod mill-aktar kunfidenzjali jesprimi l-ħtijiet tiegħu.

**Iċ-ċimiterju**

Il-kelma *ċimiterju* ġejja mill-Grieg, u tfisser mhux tant il-post tal-mejtin iżda ta' l-istennija. Il-kelma proprja tfisser dormitorju, għax il-Kristjan ma jitkellimx fuq mewt iżda fuq bidla ta' ħajja. Filfatt fil-prefazju tal-mejtin ngħidu: "Għal dawk li jemmnu fik, Mulej, il-ħajja ma tintemmx iżda tinbidel". Il-pagani għall-kelma *ċimiterju* kellhom kelma oħra, *nekropoli* – il-belt tal-mejtin. Għax il-Kristjan huwa l-bniedem tat-tama, huwa jemmen fil-qawmien mill-imwiet, l-akbar misteru tal-fidi tagħna.




# Lill-għażiż kuġin tiegħi, l-arċipriet Mons. Pawl Cardona
# Passaġġ minn Logos mistur għall-Križostmu
### 3 ta' Novembru 2007

Fejn qatt ħolmot in-nanna Marì li l-kbir fost in-neputijiet "Tas-Sisu"
kellu jkun qaddej tant ubbidjenti tal-Feddej?
X'misteru hu l-fomm li satar il-kelma
għal sena, sentejn, tlieta u anki erbgħa?
Donnu Alla ried li jerfa' l-*Logos*
għal żmien u waqt li hu biss kien qed jara.

Illum – nofs seklu wara din il-ġrajja –
fommok ma jagħmilx għajb lil tal-Križostmu.
Fomm dehebi, jgħallem, iwassal kelmet Alla,
ħierġa minn qalb imfawra b'tant imħabba.
Qattajt għomrok u żmienek tistudja u tifli
eżattament x'irid jgħidilna Alla
Ma żammejtux għalik il-kobor ta' dil-kelma,
imma xerridtu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.
Mhux biss, imma kont lest li tiftaħ
qalbek għas-superjuri tiegħek.
Ħallejt l-isqof Guliermu jmissek b'kelmtu.
Fuqnett, prijorità qegħidt int quddiemek
il-qdusija ta' ħutek fis-saċerdozju.
Irtiri qrib u mbiegħda int mort tagħmel;
int rajt għall-bogħod, għamilt xogħol il-Profeta.
Malajr għaraft li jekk jitqaddsu huma
jissarraf f'bidliet kbar fil-merħliet tagħhom.

U x-xogħol deher, u Alla bir-reqqa kien qiegħed josserva
lill-qaddej Pawlu jaħdem fl-għalqa tiegħu
u bħalma ċert kien fl-għażla tar-re David,
Alla fada f'idejk biex tmexxi l-ġemgħa
Ittama fik għal mitt raġuni u waħda.
Fil-kobor bla qies tiegħu r-Ragħaj il-Kbir kapaċi jilmaħ
fis-servitù sseħħ il-milja tal-grazzja tiegħu,
ħierġa kultant anki minn faqar u debbulizza.

Ma kenitx faċli din id-deċiżjoni;
xogħol delikat u iebes għabba fuqek.
Minn daqstant servi imma għażel lilek
u int b'dixxerniment tant għaqli
fuq Luqa wqajt, qaddej minn tal-qaddejja.

Spikkat tant fik il-kbira ubbidjenza.
Dejjem tajtni l-parir ma niġix lura.
Ma' l-art Taljana int tant irbatt qalbek,
'mma kif sejjaħlek inti fis tajt kelmtek.
Naħseb li l-kalċi morr f'xi ħin xtaqt twarrab,
niket tal-mewt tinħasad minn għeruqek.
'Mma l-"Iva" tant qawwija int mort tagħti,
obdejt bħal qaddej tajjeb lill-kmand tiegħu,
servejt lil Alla minflok lil xewqatek.

Dan m'hu xejn ward u żahar, u t-triq imwiegħra.
Min jaf kemm inkwetak dal-ħsieb u x'saħart ma' Kristu?
Kemm xaqq għalik għaraq tal-biża' bħal fil-Ġetsemani?
Ħsus naturali u flokhom – tgħaddi minnhom.
Kristu stess qal f'Mattew u anki f'Luqa:
"Nar ġejt inġib fuq l art... u firda.
Ma ġejtx inġib jien il-paċi fid-dinja.
In-nies ta' darek stess kontrik iqumu,
f'malajr isiru dawn għedewwa tiegħek".

Imma l-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqek
u b'hekk int m'għandek qatt għax taqta' qalbek.
Dan jixhdu Ġwanni l-prim evanġelista
li fl-ittra tiegħu jikteb dwar l-imħabba:
"Kulmin jistqarr li Ġesù l-Iben t'Alla,
Alla jgħammar fih u huwa f'Alla".
Ħajtek tixhed biċ-ċar 'l għaraft l-imħabba t'Alla.

U emmintha.
U b'hekk barrejt minnek għeruq il-biża'.

Dal-aħħar stajt ingawdi u napprezza aktar
it-taħriġ u l-esperjenza rikka tiegħek
fid-diskursati twal li kellna x-Xlendi.
Nammira wkoll wisq fik l-għatx għall-għarfien
U l-interess fond fil-bniedem sħiħ u fil-psikoloġija.
Dan kollu jseddqek b'doni ta' serv denju
li tkun kapaċi tara l-bniedem f'ħafna lati
fix-xogħol delikat tiegħek.

Forsi imma l-iktar kwalità li fik nammira
hi l-kalma li kapaċi żżomm fi żminijiet anzjużi.
Ma jagħmilx bik il kuntrarju, jew jitla' għal rasek;
b'għożża u mħabba tingħata biex tgħin
f'dak il-mument bla titlef sabrek.

Baħar t'għajnuna ssib fis-sagramenti,
il-kbira fosthom l-għażiża Ewkaristija.
Ilqattni wisq kont, Pawl, xħin darba fehemtni
li f' kull tqarbina jien ukoll nissieħeb
fil-misteru hekk kbir tas-salvazzjoni,
kuldarba illi l-"Amen" jiena ntenni.

Min jaf dawk l-għajnejn żoroq, ileqqu,
tan-nanna Marì u z ziju Wiġ fil-ġenna,
kemm jitbissmu u jithennew ma' tant qaddisin oħra
u kemm jirringrazzjaw lil Alla
ta' kotriet kbar ta' grazzji li jxerred fuqna.

# Digriet tal-Pussess ta' Mons. Pawlu Cardona bħala arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

*...jaqbad minn paġna 3.*

għalih. Għaliex barra li hija komunità parrokkjali li għandha għeruq imniżżla fil-fond tal-Kristjaniżmu, kif tixhed l-istorja, qiegħed tiret parroċċa li l-predeċessur tiegħek, Mons. Ġużeppi Farrugia, f'kontinwità mar-rgħajja spiritwali li kien hawn qablu, għaraf jikkura spiritwalment b'dedikazzjoni kbira.

Meta 'l quddiem il-Knisja titolbok taghti rendikont ta' ħidmietek bħala arċipriet, tistenna minnek ħaġa waħda: ix-xhieda li Kristu ssawwar f'kull wieħed u waħda minn din il-familja parrokkjali. Infakkrek li dan inti tkun tista' tippreżentah jekk inti nnifsek tkun mogħti għal Kristu, u għalhekk ma tibżax mir-riskji, diffikultajiet jew taħbit li tista' tiltaqa' magħhom fix-xandir tal-Vanġelu f'soċjetà sekularizzata bħal tagħna. Bħall-Appostlu San Pawl, li tiegħu inti ġġib l-isem, int trid tkun dispost li tistqarr li "la l-mewt u lanqas il-ħajja, la l-anġli u lanqas il qawwiet, la ż żmien ta' issa u ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret għalina fi Kristu Ġesù Sidna" (Rum 8:38-39).





L-azzjoni tiegħek u tal-komunità fdata llum lilek tkun kredibbli u effikaċi biss skond kemm tkunu lesti li tħallsu bil-persuna tagħkom infuskom biex tibqghu fidili lejn Kristu u lejn il-Knisja tiegħu. Dan ifisser li llum hemm bżonn li nkunu lesti li ma nibżgħux inkunu martri għal Kristu. Anki hawnhekk inti għandek komunità li m'hix barranija għal dan l-impenn, għax hija komunità li għandha mħabba kbira lejn San Ġorġ martri. Fih tikkontempla xhud distint li ta hajtu għal Kristu. Inheggek biex tippromovi dan il-kult antik lejn San Ġorġ, għax kif kien fl-imgħoddi ċertament jista' jkompli jkun strument qawwi biex xejn ma jifred lid-dixxipli mill-imħabba ta' Alla, anki jekk dan jitlob prezz għoli.

Għalhekk, wara li inti tagħmel l-istqarrija tal-fidi skond il-formola approvata mis-Sede Appostolika, jien, bis-setgħa mogħtija lili skond il-Liġi Kanonika, fit-termini tad-digriet tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fil-Kanoni 522, nagħtik il-pussess veru u reali ta' l-arċipretura tal-knisja parrokkjali u kolleġġjata bażilika ta' San Ġorġ martri, fil belt Victoria, li hi t-tieni dinjità fl-istess knisja kolleġġjata u li magħha hija marbuta l-kura ta' l-erwieħ.

Bħala xhieda ta' dan kollu ordnajt li dan id dokument, minni ffirmat u ssiġillat bit-timbru tiegħi, jiġi rreġistrat mill-kanċillier tal-kurja djoċesana.

Mogħti mill-Kurja Veskovili, fil-belt Victoria, nhar it 18 ta' Settembru 2007.

**† Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

**Mons. Salv Debrincat**
Kanċillier





Mario Farrugia SJ

# San Ġwann Kriżostmu
# Il-qassis... bejn l-art u l-ħwejjeġ tas-sema
# Fis-sittax-il ċentinarju mill-mewt
### 3 ta' Novembru 2007

*Diskors fl-Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-pussess ta' l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona.*

Nhar is-27 ta' Novembru 2004, tlitt ijiem qabel il-festa ta' Sant'Andrija – bla ma lissen kelma waħda – Ġwanni Pawlu II ħa sehem f'ċerimonja speċjali f'San Pietru. Ried jagħmel ġest profetiku qabel ma jtemm ħajtu. F'ittra li nqrat dakinhar il-Papa spjega għaliex fittex jgħaddi lill-Patrijarka ta' Kostantinopli r-relikwi ta' żewġ Patrijarki ta' żmien l-antik: Ġwanni Kriżostmu u Gregorju Nazjanzenu.

"Għażiż hija, qatt ma sa nghejja nfittex, b'rieda u b'konvinzjoni", kiteb il-Papa, milwi bil-mard, "il-komunjoni ta' bejn id-dixxipli ta' Kristu. Xewqti hi li, jiena u nwieġeb għar-rieda ta'Alla, inkun qaddej tal-komunjoni fil-verità u fl-imħabba biex il-ġifen... ma jitkissirx mill-maltemp u jasal il-jum li jidħol fil-port kenni".[1]

Għal kliem il-Papa, il-Patrijarka Bartilmew wieġeb hekk: "It-trasferiment u r-ritorn tar-relikwi ta' dawn il-predeċessuri qaddisa tagħna fl-arċidjoċesi l-aktar qaddisa ta' Kostantinopli – dik li huma gglorifikaw bil-qdusija, bl-għerf, bit-taħbit u bil-ħidma appostolika tagħhom – huma għajn ta' hena u ferħ mhux biss għas-Sede Ekumenika mqaddsa tagħna u għall-Knisja Ortodossa qaddisa kolha kemm hi, imma wkoll għal ħutna l-Kattoliċi li jgħixu fid-djoċesi tagħna".[2]

Dik il-lejla stess, f'Istanbul, għad-daqq tal-qniepen, Bartilmew mexxa purċissjoni bir-relikwi lil katidral tiegħu, iddedikat lil San Ġorġ martri. Il Patrijarka ried itenni darb'oħra x-xena li ġrat fis-sena 438, meta ġisem il-Krizostmu nġieb mill-eżilju. Hajjet il-qaddis intemmet nhar il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib (l-14 ta' Settembru 407, jiġifieri elf u sitt mitt sena ilu). Wara li n-nies laqgħet il-wasla tar-relikwi b'mixegħla u bil-kant, daħlet purċissjoni fil-knisja u l-kleru dar tliet darbiet ma' l-altar bl-urni, qabel ma Bartilmew innifsu qegħedhom fuq it-tron episkopali tiegħu.

San Ġwann Krizostmu bħal kiseb mill-ġdid it-tmexxija tad-djoċesi.

## Missjoni iebsa

Diversi drabi f'ħajtu "Leħen tad-deheb" (dan ifisser "Krizostmu") xtarr fil-fond min hu l-qassis u x'inhi l-missjoni tiegħu. Ta' tmintax-il sena, wara tmiem l-istudji, tgħammed u, ta' wieħed u għoxrin, inħatar lettur. Imbagħad qatta' sitt snin fis-solitudni, jgħix ta' reliġjuż. Interessanti kif, wara esperjenza ta' tgħakkis kbir, qatagħha li l-ħajja tal-qassis hi ferm aktar diffiċli minn dik ta' l-irħieb fid-deżert.[3]

Reġa' lura lejn Antjokja tas-Sirja, fejn ħaddem il-ministeru tad-djakonat. Huwa u jdur bil-morda, jgħin lill-fqar u jassisti r-romol – jiġifieri lill-verġni li taw ħajjithom għall-ħtiġijiet tal-Knisja – tgħallem lezzjonijiet li qatt ma nesa, anqas bħala l-Patrijarka ta' Ruma l ġdida, il belt imperjali ta' Kostantinopli.

Malli nduna li ħatruh biex isir qassis, ipprova jaħrab. Ħassu piż kbir iżżejjed. Meta mbagħad l-Imperatur innifsu riedu jsir Patrijarka, ma tarrafulu xejn. Jum wieħed intalab imur lejn knisja fejn kienu midfuna l-martri ta' belt twelidu. Sab delegazzjoni imperjali tistennieh; l-uffiċċjali ħatfuh u ħaduh kontra xewqtu lejn il-belt kapitali! Hekk bdiet missjoni li kellha tifnieh, tkissru u ttemmlu ħajtu.

Ġwanni ma kienx jaf jaqdi żewġ sidien. Jum wieħed kisriha ma' l-imperatriċi Ewdoksja, li waqfet ħafna miegħu immedjatament wara li kien sar Patrijarka. Din tant ħadet bi kbira l-kritika ta' Ġwanni, li ma qagħditx kwieta qabel ma ratu eżiljat lil hemm minn ħbiebu kollha. Temm ħajtu, huwa u jittieħed – bħal qattiel – lejn l-Ibgħad rokna tal-Baħar l-Iswed, elf mil 'il bogħod mid-djoċesi tiegħu.

L aħħar kelmiet fuq fommu kienu: "Glorja lil Alla għal kollox!". Dan il-kliem inxtered bħal leħħa ta' berqa ma' l-erbat irjieħ. Kellu jkun l-imperatur Teodosju, iben Teodoksja, li laqa' lura lil-kapitali l-ġisem bla ħajja tal qaddis. Quddiem folla kbira ttenni "Missier, ilqa' lura t-tron episkopali tiegħek", Teodosju talab pubblikament – u bil-miktub – il-maħfra tal-Krizostmu, qabel ma qiegħed ġisem Ġwanni ftit 'l hemm mill-oqbra ta' missieru u ommu, dawk stess li kienu ħaduha qatta' bla ħabel kontrih.

## Fuq is-saċerdozju (390?)

Kitba mill-aktar magħrufa ta' Ġwanni hi r-riflessjoni, forma ta' djalogu, fuq il-missjoni tal-qassis. Il-Krizostmu jfisser ħsibijietu, huwa u jiddjaloga ma' Bażilju, ħabib għażiż. Dan... min kien? Mhux biss ma nafux, imma hemm dubji kbar jekk qattx eżista.

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċà ta' San Ġorġ - Għawdex*

Suppliment Novembru - Diċembru 2007 Nru 159




## Omelija fil-konċelebrazzjoni b'radd il-ħajr għall-Arċipretura
### 28 ta' Ottubru 2007

"O Alla, ħenn għalija l-midneb!". B'dawn il-kelmiet, u bil-verità divina tagħhom, irrid nifraħ jien illum. Bihom irrid niftaħar. Bħal dawk ta' Pilatu fil Pretorju, dawn tal-Pubblikan fit-Tempju tal-preżenza ta' Alla huma kelmiet li jgħidu l-verità kollha fuq il-bniedem, u għalhekk fuqi.

"O Alla, ħenn għalija l-midneb!". Ngħidhom, u nħossni qed neħles minn kull pretensjoni li xi daqqiet iġġarrabni biex nogħxa fl immaġni ta' qisien jew suriet li aktar jgħoddu għas-sema milli għall-art.

Intennihom, u nitlob li l-indiema li jissuġġerixxu sseħħ fija, indiema għal dak it-tajjeb li f'ħajti m'għamiltx u għall-ħażin li wettaqt.

U nikkontemplahom bit-tama f'Alla l-Missier li hu l-aqwa depożitarju ta' ħtijietna, l-aqwa magħsar ta' għemilna u l-aqwa konsolatur fin-niket tagħna – l-uniku li għandu s-setgħa jibdel kull niket f'ferħ.

"O Alla", talab il Pubblikan u, magħkom, huti, nitlob jien. "O Alla", int li m'intix jien, int li għamilt dak li fit tajjeb hu jien, int li turini lilek innifsek, ġmiel li m'hemmx bħal ġmielek, tjubija li m'hemmx bħal tjubitek, qdusija li m'hemmx bħall qdusija tiegħek...

"Il-midneb" jien, quddiemek. Le, mhux sempliċiment midneb, imma "l-midneb"! M'hemmx midneb ieħor li jista' bi dnubu jtaffi dnubieti, ma nixxennaqx għax-xirka ta' midinbin oħra biex b'xi mod innaqqas il-kruha u r-responsabbiltà ta' ħtijieti; jien "il-midneb", waħdi, quddiemek, u waħdu biżżejjed id-dnub tiegħi, biex ifieri lil imħabbtek. "Ħenn għalija".

Hekku, ħuti, it-talba tal-Pubblikan li l-Liturġija tal-Kelma tal-lum, it-tletin Ħadd matul is-sena, trid li kull wieħed u waħda minna jagħmilha tiegħu, inaqqaxha f'qalbu u, bi ħsieb, jgħolliha lejn Alla. Talba, din, li Alla semagħha u, kif nafu, weġibha b'mod mill-aktar mhux mistenni fl-istorja tas-salvazzjoni. It-tweġiba ta' Alla għal din it-talba – "O Alla, ħenn għalija, il-midneb" – hija Ġesù Kristu: l-inkarnazzjoni ta' kull ma hu Alla, imma fuq kollox, tal-ħniena ta' Alla.

Għandix raġun jien, għalhekk, Eċċellenza Tiegħek Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta, huti fil-Kapitlu Ġorġjan, speċjalment int, għażiż arċipriet-elett Pawlu Cardona, ħuti fis-saċerdozju, ħuti fi Kristu; għandix... għandniex raġun, quddiem Ġesù Kristu, l-inkarnazzjoni tal-ħniena ta' Alla, intennu flimkien mas-salmista l-kelmiet li fil-kant tas-Salm Responsorjali diġà għamilnihom tagħna: "Bil-Mulej tiftaħar ruħi!"?

Illum irrid niftaħar. Irrid niftaħar, imma, mhux b'dak il-ftaħir li jbegħidni minn Alla – li lilu biss it-tifħir – iżda b'dik il-foħrija li tgħaqqadni miegħu u magħkom u, bla ma jistħoqqilna, tagħmel minna espressjoni tat-tifħir li jistħoqq lil Alla.

Ħa tkun ruħ is-salmista, illum, ruħna, jiġifieri r-ruħ tagħna li ninsabu hawn miġbura, imfarrġin mill-ħniena li, għat talba tal Pubblikan, sibna quddiem Alla.

Ħa tkun ruħ is salmista r ruħ mifdija tal komunità parrokkjali tagħna kollha, magħżula minn Alla biex fi Kristu u miegħu tkun, fit-territorju fejn tgħammar, sinjal u strument tal-preżenza tiegħu.



Ħa tkun ruħ is-salmista r-ruħ ta' l-antenati tagħna, iva, dawk li wara mewthom fdalijiethom tqiegħdu jistrieħu u jitħalltu mal-pedamenti qaddisa ta' din id-dar ta' Alla, u anki dawk li l-fdalijiet tagħhom jinsabu mxerrdin sa l-ibgħad inħawi ta' din il-gżira fejn l-id ta' Alla, bħall-id tal-bidwi, għamlet minnhom żerriegħa ta' komunitajiet Kristjani ġodda.

Ħa tkun ruħ is-salmista r-ruħ ta' wliedna u wlied uliedna, jiġifieri tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħna, li skond il-wirt li nħallulhom għad isawru l-ġudizzju tagħhom fuq il-kredibbiltà tal-Fidi tagħna u fuqna.

Imma fuq kollox ħa tkun ruħ is-salmista r-ruħ tal-memorja kollettiva tal-komunità parrokkjali tagħna li tfaħħar lil Alla, li llum jiena naraha msejħa biex turi ħajja ġdida, tmidd passi ġodda, tagħmel talba ġdida, timtela b'xenqa ġdida u tingħata b'tama ġdida għar-realizzazzjoni tal-missjoni u tal-viżjoni partikulari tagħha fil-Knisja lokali tagħna.

Illum jiena hieni, għeżież ħuti fi Kristu, għeżież parruċċani ta' din il-belt, maħbubin Ġorġjani... hieni li ninsab hawn fostkom u magħkom f'dan il-mument partikulari tal-ħajja tal-parroċċa tagħha.

Intom li tafuni (naf li) tafu li bl-ebda mod m'hu ħa jegħlibni l-ħsieb li nieqaf quddiemkom illum, f'dan it-tempju, u bħall-Fariżew niżżi ħajr lil Alla li m'inix bħall-bqija tal-bnedmin, ladarba fılfatt jien.

L uniku ħsieb li għandi nghidilkom hu li, waqt li kif inhu dmiri ta' saċerdot inkun f'isimkom espressjoni kollettiva tat-talba tal-Pubblikan għall-ħniena ta' Alla, inkun fuq kollox leħen f'din il-komunità parrokkjali tagħna li jagħtl espressjonl ma' tagħkom għat-tifħir, il-qima u r-radd il-ħajr li s-salmista, imnikket bi dnub il-poplu tiegħu imma mfarraġ mill-ħniena ta' Alla, fisser tant tajjeb bil-kelmiet: "Bil-Muej tiftaħar ruħi".

Iva, f'dan il-jum partikulari tal-ħajja tal-komunità ta' fidi tagħna, meta qed irroddu ħajr għal esperjenza ekkleżjali – din ta' l-arċipretura tiegħi – li m'għandniex narawha għajr f'kontinwazzjoni tal-mixja aktar minn millenarja tal-parroċċa għażiża tagħna, irrid li din il-preżenza liturġika tagħna tkun leħen li jidwi f'talba u xhieda li tgħodd għal kull żmien: ix-xhieda ta' parroċċa li tgħożż l-esperjenza tal-fidi bħala memorja, u t talba ta' parroċċa mħeġġa bil viżjoni ta' fidi bħala ġejjieni glorjuż fil Knisja ta' Kristu.

"Bil-Mulej tiftaħar ruħi" nismagħhom jixhdu llum b'leħen wieħed l-antenati tal-parroċċa tagħna, l-ewwel destinatarji tal-predikazzjoni tal-Vanġelu fi gżiritna u dawk li ġew warajhom matul is sekli, il-bennejja ta' din il-komunità Kristjana u wisq aktar tal-memorja kollettiva tagħha: il-memorja li writna, il-memorja li tikkostitwixxi l-qalba ta' l-identità tagħna, il-memorja li titfagħna fil-qalba tal-kontemporanjetà u tridna nagħtuha ħajja dejjem ġdida u effettiva, biex ħajjitna llum tkun il-memorja qaddisa ta' għada.

"Bil-Mulej tiftaħar ruħi" nismagħhom itennu f'liturġija waħda s-saċerdoti tagħna, dawk li sa mill-qedem u matul iż-żminijiet il-Mulej għażilhom biex imexxuna u jqaddsuna u li, b'nuqqasijiethom kollha, kienu għall-antenati tagħna, kif huma llum għalina,



medjaturi fi Kristu tal grazzja tiegħu bil-Kelma u s-sagramenti tal-Knisja Kemm inħossni xxurtjat li jiena saċerdot fost dawn is-saċerdoti tal-parroċċa tagħna! Iva, ixxurtjat daqskemm grat li f'nofshom stajt naqdi lil din il-parroċċa bħala parroku tagħha, f'kontinwazzjoni ta' ministeru li tant onorawh predeċessuri tiegħi bħal – biex insemmi l-aktar qribna fosthom – Dun Alfons Marija Hili, Dun Mikiel Cefai, Dun Manwel Mercieca u l wisq mibki Dun Salv Borg.

Iva, "bil Mulej tiftaħar ruħi" itennu mas-salmista s-saċerdoti tagħna, ilbieraħ u llum, għax il-Mulej il-qdusija tagħna.

"Bil-Mulej tiftaħar ruħi" nisma' mbagħad jgħannu f'armonija waħda l-benefatturi tal-parroċċa tagħna. Dawn jistħoqqilhom rokna ewlenija f'qalbna. Huma s-saċerdoti u l-lajċi, ħafna drabi anonimi għalina, li ħadmu għat-twaqqif u t-tisħiħ tal-fidi f'dan il-ħaġar u mbagħad fil-gżira kollha tiegħu. Huma dawk li bi mħabba identifikaw ruħhom ma' din il-knisja parrokkjali "tal-belt u l-gżira" u fittxew il-ġid tagħha, ħadu ħsiebha, stinkaw għaliha, kull meta sfat miġruħa minn katastrofi tan-natura jew tal-bniedem, b'ardir li ma għeb qatt, ġedduha u ma hedew qatt jistinkaw, b'ħidmiethom u bi flushom, biex jagħmlu minnha l-ġawhra ta' kull ġmiel Kristjan li għandna. Huma l-benefatturi – li għalihom qed nirriferi – ta' l-imgħoddi mbiegħed, ta' l-aħħar seklu meta x-xogħol ġo din il-bażilika ma heda qatt, u dawk tal-lum, jiġifieri ħafna minnkom hawnhekk preżenti.

Intom, intom il-benefatturi, intom l-awturi ta' dan l-isplendur li fih ninsabu, u li xejn ma jonqsu ħlief dak li ġa nafu u rridu nintebħu li għad jonqsu

Iva, il-benefatturi li għalihom qed nirriferi huma intom, għeżież maħbubin ta' San Ġorġ, intom li taħdmu għal din il-bażilika u f'din il-bażilika għar-realtà Kristjana li tirrappreżenta. Intom li nafkom tikkollaboraw ma' l-arċipriet u tnebbħuh u timbuttawh biex jikkollabora magħkom; intom li tqisu l-parroċċa bħala l-familja tagħkom, il-bażilika bid-djar taċ-ċentru parrokkjali bħala darkom, il-ġmiel tagħha bħala ġmielkom, il-ġieħ tagħha bħala ġieħkom u l-ġid li bih tiżżejjen bħala ġidkom.

Il-benefatturi li għalihom qed nirriferi huma intom, stendardi ta' San Ġorġ, jiġifieri intom li ssawru s-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li hi "filarmonika" mhux biss għall-

uniċità ta' l-armonija tal-mużika li biha takkumpanja l-mumenti sbieħ jew imnikkta tal-ħajja tal-parroċċa tagħna, imma (hija filarmonika) wisq aktar minħabba n-nisġa armonjuża ta' mħabbiet li jsawruha u jagħmlu minnha l-qalba u l-front Ġorġjan fi ġrajjietna.

Il-benefatturi li għalihom qed nirriferi huma intom ilkoll, aħna lkoll li nħobbu lil San Ġorġ, u li mħabbitna – Kristjana għax Ġorġjana – ma tistax issib espressjoni ta' splendur akbar mill-impenn u ġmiel tal-kor *Laudate Pueri* li – aħfruli – niftaħar bih bħalma ma niftaħar b'xejn iżjed, eżempju għalija u għalina lkoll ta' kif għandha tkun l-imħabba tal-benefatturi ta' San Ġorġ, lejn San Ġorġ, u ġo San Ġorġ.

"Bil-Mulej tiftaħar ruħi" intennu aħna l-benefatturi ta' San Ġorġ, għax il-Mulej hu l-wirt tagħna.

Iva, "bil-Mulej tiftaħar ruħi" – tiskandalizzawx ruħkom – jgħidu wkoll l-għedewwa tagħna, is-Saraċini ta' kull żmien u ta' kull xorta, li bit-tiġrib li bih ġarrbu 'l ta' qabilna u li minnu jridu jgħaddu anki lilna, xprunawna biex insinnu dehenna, sfidawna biex nikbru fl-imħabba, u saru, bħall-eretiċi u x-xiżmatiċi fil-Knisja, okkażjoni biex niċċaraw l-għażliet fundamentali tagħna bħala Maltin u Għawdxin, bħala Kristjani u Kattoliċi, u bħala Ġorġjani. Anki dawk li matul iż-żminijiet ġarrbuna saru, bla ma ċertament riedu, benefatturi tagħna, bħall-iljuni li – kif smajnieh jgħid lil Timotju fit-tieni qari – ġarrbu 'l Pawlu fit-taqbida t-tajba li tqabad u fir-rebħa li rebaħ. Hu tiġrib li għadu sal-lum u jibqa' fil-ġejjieni, imma nistgħu diġà minn issa nkantaw "Bil-Mulej tiftaħar ruħi", għax diġà, fi Kristu, irbaħna.

Inħarsu lejn ir-rebbieħa tas-Sema li magħhom iriduna rebbieħa fis-Sema, il-qaddisin li jgħollu bl-akbar tifħir lil Alla u bħal inċens jifirxu mal-ħolqien diwi l-kelmiet tas-salmista. "Bil-Mulej tiftaħar ruħi". Il-qaddisin, li b'sebħhom iweġġħu 'l din il-bażilika Kristjana: Marija Immakulta, il-"mimlija bil-grazzja", li żżejjinna bl-aqwa Grazzja: Binha Ġesù; Ġużeppi, l-għarus kastissmu tagħha, il-qaddej tal-grazzja li jaqilgħalna kull grazzja f'Ġesù, Ibnu putattiv; u Ġorġi, il Protettur ta' Għawdex tagħna, il Patrun tal belt tagħna u l qalb ta' qalbna, ix xhud tal grazzja li jiġbidna lejn il-Grazzja: Sidna Ġesù Kristu.

San Ġorġ! Kemm hu sabiħ dan l-isem, u kbir il-misteru tiegħu!

Iva, ħa jkun San Ġorġ li jitkellem għalina. Jiena m'għandix dubju li, fuq l-art, bħall-Pubblikan tal-Vanġelu, Ġorġi kien, b'umiltà, jieqaf quddiem il-Mulej u jitolbu: "O Alla, ħenn għalija, il-midneb". Imma fil-martirju glorjuż tiegħu kliemu kien, u llum fil-ġenna għadu, dak tas-salmista: "Bil-Mulej tiftaħar ruħi".

Naraw lil San Ġorġ iħares mis-Sema lejna u jarana miġburin fil-preżenza ta' Alla, tant viżibbli kull meta niltaqgħu f'din il-knisja parrokkjali li ġġib ismu, aħna wliedha u magħna Kattoliċi minn bnadi oħra tal-gżira, ħutna minn Malta u mkejjen oħra, ilkoll f'ħin jew ieħor tal-ġurnata, resqin lejn is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u magħqudin fl-Ewkaristija mqaddsa. Nisimgħuh lil San Ġorġ itenni t-tifħir ta' Alla: "Bil-Mulej tiftaħar ruħi".



Inħossuh lil San Ġorġ jitpaxxa bil-ġenerożità ta' dawk fostna li jagħtu minn ħinhom, minn saħħithom u minn ġidhom għall-kawża tal-Mulej Ġesù fil-ħidmiet tal-komunità parrokkjali, ġo din il-bażilika, fiċ-ċentru parrokkjali u fl-istazzjon tar-radju tagħha, fil-movimenti, l-għaqdiet u l-istituzzjonijiet attivi fi ħdanha, fl-enti u l-fondazzjonijiet assoċjati magħha, ilkoll kollaboraturi ma' l-arċipriet u s-saċerdoti u l-lajċi kollaboraturi miegħu. Nisimgħuh lil San Ġorġ itenni t-tifħir ta' Alla: "Bil-Mulej tiftaħar ruħi".

Niftakru dejjem f'San Ġorġ kull meta nisimgħu l-qniepen tal-bażilika jdoqqu mat-taħbitiet ta' qalbna fin-niket, it-talb u l-ferħ tagħna; kull meta nilmħu l-bnadar ta' lwienu jperpru minn fuq bjutha; kull meta ngħaddu mill-bibien dejjem miftuħa tagħha u nduqu fiha r-realtà kważi tanġibbli tal preżenza qaddisa ta' Alla; kull meta nieħdu sehem fil-liturġiji ordinarji u wisq aktar festivi tagħha... Iva, niftakru f'San Ġorġ u ruħna timtela bis-seħer tiegħu fil-ġmiel ta' madwarna. Għax kif tista' tħares madwarek hawn ġew, kif tista' tieħu sehem fil-liturġija solenni li tiġi ċċelebrata f'din il-bażilika, kif tista' tisma' l-ilħna tal-kant li qed nisimgħu llum u ma tistagħġibx u tgħid: "Jekk Alla, lilna li nħobbuh, tana dan meta għadna fuq l-art, mela x'lestielna fis-sema!"?

Hemm Alla nnifsu... Hemm l-Immakulata... Hemm San Ġorġ, fis-sema, maħbubin Ġorġjani, u wisq għeżież ħutna fi Kristu, li nkunu nixtiqulkom l-aqwa ġid meta nixtiqulkom li tkunu Ġorġjani, jiġifieri ammiraturi ta' dan il-martri kbir, devoti tiegħu u Kristjani li jgħixu fuq l-eżempju tiegħu.

Sostnuti mit-talb tiegħek, San Ġorġ, illum b'ċertezza barranija li l Mulej jismagħni, irrid intenni t-talba tal-Pubblikan: "O Alla, ħenn għalija, il-midneb".

Merfugħ mix-xhieda tiegħek, San Ġorġ, illum nagħmel ukoll tiegħi l-kelmiet "Bil-Mulej tiftaħar ruħi", u hekk, niftaħar bi ftaħir li jgħaqqadni għalkollox ma' Ġesù Kristu, is-Sid maħbub tiegħek u tagħna.

Bik f'qalbi, San Ġorġ, nintebaħ li xejn m'hu telf sakemm ma nitlifx lilek! U kollox hu gwadann bik!

Iva, bik f'qalbna, San Ġorġ, xejn m'hu telf sakemm ma nitilfux lilek, u kollox hu gwadann bit-talb tiegħek! Inti l-imgħoddi tagħna. Inti l-ġejjieni tagħna. Inti, b'ferħ li ma jitfissirx, il-lum tagħna.

Bik, San Ġorġ, ikun imfaħħar Ġesù Kristu.




# Diskors, f'isem il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, b'radd il-ħajr għall-arċipretura ta' Mons. Ġużeppi Farrugia

**28 ta' Ottubru 2007**

Illum, f'għeluq il-missjoni ta' Mons. Ġużeppi Farrugia bħala arċipriet tal-parroċċa tagħna, inħoss li xieraq li nħarsu lejn il-ħidma ta' l-arċipriet billi nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn ir-rwol tal-bażilika ta' San Ġorġ u l-ħidma li ssir ġo fiha kuljum. Dan jaghtina ħjiel tax xogħol involut fil ħidma ta' l arċipriet li jkun imexxiha. Dan jgħinna wkoll biex napprezzaw ix-xogħol li jagħmel l-arċipriet fl-għalqa tal-Mulej. Dan ix-xogħol kellu, u jibqa' jkollu, effett fuqna l-parruċċani ta' San Ġorġ u fuq kulmin jagħmel użu minn xi servizz pastorali li din il-parroċċa toffri.

Fil-bidu tal-missjoni tiegħu Mons. Farrugia kien uriena li sa jibbaża l-ħidma tiegħu fuq tliet kolonni ewlenin: fidi, liturġija, kultura. Nistgħu ngħidu li dawn it-tliet kolonni kienu l-bażi li fuqha nbniet il-ħidma ta' Mons. Farrugia.

## Fidi

Il-fidi hija l-qalba tal-ħajja tagħna l-Kristjani. B'fidi kbira nemmnu dak li Alla għamel magħna l-bnedmin, li jsib il-milja tiegħu għalina wara mewtna.

Il-fidi hija esperjenza li l-persuna Kristjana tifforma ruħha fiha. Laqgħat ta' formazzjoni lit-tfal, studenti, żgħażagħ, koppji għarajjes u anki anzjani, flimkien mal-formazzjoni tal-Kummissjoni Familja, formazzjoni ta' grupp ta' *Lectio Divina* għal-lajċi u għas-saċerdoti, kienu inizjattivi ferm importanti favur it-tisħiħ tal-fidi fil-parroċċa tagħna.

It-tisħiħ tal-fidi f'kulmin jagħmel parti mill-parroċċa tagħna huwa l-ewwel għan fil-ħidma tal-parroċċa. Il predikazzjoni, iż żjajjar lill morda, il pariri, il qrar, il-liturġija, u kull ħidma oħra, kbira jew inqas kbira, li saret fil-parroċċa taghna tul dawn l-ahhar snin, kienu kollha immirati biex iressqu lill-Kristjan biex isaħħaħ il-fidi tiegħu f'Alla, il-ħallieq tiegħu, bl-għan aħħari tas-salvazzjoni tar-ruħ. Ma' din il-firxa ta' attivitajiet pastorali npoġġu wkoll dawk il-proġetti pastorali li jkomplu jesprimu x-xewqa li l-esperjenza tal-fidi tkompli tissaħħaħ, ngħidu aħna l-bini ta' dar għall-kleru biex il-parroċċa tagħna jkollha saċerdoti residenti fi ħdanha. Dan huwa pass ieħor importanti favur servizz lil kulmin ikun jeħtieġ għajnuna u preżenza ta' saċerdot. Il-bini tad-dar tal-kleru huwa pass vitali, kemm għal-lum u kemm iktar għall-futur.

Iż-żewġ pilastri l-oħra – liturġija u kultura – kienu mezzi, meħtieġa, biex jintlaħaq l-għan tat-tisħiħ tal-fidi.

## Liturġija

In-numru tant kbir ta' quddies ta' kuljum, u anki ta' nhar ta' Ħadd, fil-parroċċa tagħna, huwa sorprendenti. Kull parruċċan ta' San Ġorġ, u kulmin ikun f'beltna u jkun jeħtieġ jisma' quddiesa, għandu kumditá kemm irid, ibda mill ħamsa ta' filgħodu u ibqa' sejjer sas-sebgħa ta' filgħaxija. Ma' dan wieħed irid iżid ukoll id-dispożizzjoni ta' numru tant sabiħ ta' saċerdoti biex jamministraw is-sagrament tal-qrar u jaghtu pariri lil min ikun jeħtieġhom, u l-funzjonijiet l-oħra ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, li jsiru bla waqfien fil parroċċa taghna.

It-tisħiħ tal-liturġija b'funzjonijiet animati, b'mużika sagra, u bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku b'mod ġenerali, jikkaratterizzaw tendenza li saret tant komuni fil-parroċċa tagħna, għall-parruċċani nfushom preżenti għall-funzjonijiet u anki għall-komunità tagħna li tkun ġo djarha, permezz tar-radju tal-komunità tal-parroċċa tagħna stess, li twaqqaf apposta. Kull mezz possibbli nstab biex il-liturġija ssir aktar attraenti, aktar aċċessibbli, u b'parteċipazzjoni iktar kbira mill-komunità, bl-għan aħħari dejjem ikun l-għajnuna biex il-Kristjan dejjem jersaq iktar lejn Alla.

## Kultura

Għad li l-kultura profana għandha skop fiha nfisha, għax tesprimi s-sengħa tas- sbuħija, il-kultura f'ambjent Kristjan għandha l-iskop tant nobbli li tgħin lill-Kristjan fit-triq tiegħu għas-salvazzjoni ta' ruħu. Il-kultura f'ambjent Kristjan hija mezz attraenti ferm biex il-Kristjan jersaq dejjem iktar lejn is-sabiħ u t-tajjeb, li fihom tirrifletti s-sbuħija u t-tjubija ta' Alla.

F'dawn l-aħħar snin fil-parroċċa tagħna ġew organizzati numru tant sabih ta' attivitajiet kulturali u mużikali, bil-parroċċa ssir punt ta' riferiment fejn jidħlu l-kultura u l-mużika f'Għawdex. Dan mhux b'kumbinazzjoni, imma għax ingħaraf iktar il-bżonn ta' dan il-mezz biex jgħin fil-missjoni tal-parroċċa.

Ittieħdu inizjattivi ferm importanti biex illum il-parroċċa tagħna hija mgħammra bi swali adattati għal attivitajiet mużikali u kulturali, b'dak kollu li hu meħtieġ; pjanu ta' klassi tal-kunċerti u r-restawr ta' orgni tas-seklu dsatax li ġie salvat milli jintilef permezz ta' ħbieb tal-parroċċa. Sar kull sforz biex ma tintilef ebda okkażjoni li setgħet tgħin biex bil-

kultura u l-mużika l-parroċċa tagħna setgħet tkun fuq quddiemnett fix-xena lokali.

Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux b'ismu, fost attivitajiet kbar oħra, il-*Victoria International Arts Festival*, li llum stabbilixxa ruħu bħala festa kbira ta' kultura u mużika li kompliet dejjem żejnet u kabbret il-festi li ta' kull sena l-parroċċa tagħna tagħmel f'ġieħ il-martri l-kbir San Ġorġ. Illum sar ikun hawn stennija kbira fix-xena lokali għall-attivitajiet kollha li jħaddan dan il-festival. L-attendenza tant numeruża tal-pubbliku turi l-bżonn u l-attwalità ta' dan il-festival, li minn sena għall-oħra qiegħed dejjem jikber u jissaħħaħ.

Ir-restawr ta' opri artistiċi fi ħdan il-parroċċa tagħna kien ukoll ta' importanza f'dawn l-aħħar snin. Mhux biżżejjed li jsiru dejjem iktar opri ġodda, imma jeħtieġ li jittieħed ħsieb tal-wirt tant għani li għandha din il-parroċċa f'dan il-qasam. Dan, flimkien ma' l-organizzazzjoni ta' l arkivji tal parroċċa, kien mezz tant tajjeb biex dak li ħallewlna ta' qabilna nibżgħu għalih u ngħadduh ukoll lil ta' warajna.

F'dawn l-aħħar snin saru wkoll numru tant sabiħ ta' inizjattivi ġodda fejn jidħol bini u opri artistiċi. Iktar 'il fuq semmejt il-bini tad-dar tal-kleru u tas-swali tad-dar parrokkjali. Barra minn dawn, il-bini u t-tiżjin tal-kappella tas-Santissmu Sagrament sa jgħinu biex fil-knisja tagħna tinstab rokna fejn il-Kristjan ikun jista' jinġabar għalih waħdu ma' Ġesù Ewkaristija u jingħaqad fi djalogu bejn żewġt iħbieb, fis-silenzju u l-adorazzjoni. Il-proġett tal-bini ta' mużew tal-parroċċa huwa wkoll ħolma ohra li meta ssir realtà tkun tifforma parti minn dan il-pjan kulturali. It-tlestija tat-tiżjin tas-swali u s-sagristija l-kbira, il-ħjata ta' paramenti sagri ġodda, il-wasla ta' sett siġġijiet ġodda għal ġol-knisja, il-bieb prinċipali tal-bronż u r-restawr tas-sistema ta' l-illuminazzjoni tal-knisja, huma xi wħud mill-inizjattivi li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin. Dawn huma proġetti li narawhom b'għajnejna, u ta' dawn għandna għaliex inkunu rikonoxxenti lejn min mexxihom u lejn min għen b'mezzi finanzjarji biex setgħu jsiru.

Illum qed naraw ir-rwol tant importanti li għandha l-parroċċa tagħna. Dan hu rwol li jitkejjel minn kemm tgħin lilna, bħala parruċċani tagħha, u lil kulmin ifittex servizzi fi ħdanha, fit-triq twila tas salvazzjoni ta' ruħna. L-arċipriet huwa l-mutur ta' l-attivitajiet u s servizzi li toffri l-parroċċa, u ħafna mix-xogħol li jsir fil-parroċċa huwa mertu ta' l-ippjanar, tal-motivazzjoni, tas-sagrifiċċji, tad-dedikazzjoni u tax-xogħol tiegħu persunali.

Mhux dejjem ikun apprezzat, mhux dejjem ikun mifhum, mhux dejjem ikun inkuraġġit, mhux dejjem ikun mgħejjun, imma jrid dejjem jemmen f'dak li jkun qed jagħmel u jagħmlu b'entużjażmu u rieda soda, u jemmen li jkun qed jagħmel dak li l-Mulej Ġesù jkun sejjaħlu għalih meta fdalu din il-merħla f'idejh.

Illum, f'ismi u f'isem is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, f'isem il-parruċċani ta' San Ġorġ, f'isem is-




saċerdoti li jaħdmu fil-parroċċa, f'isem is-saċerdoti ta' din il-parroċċa li jaħdmu f'parroċċi oħra, u f'isem is-saċerdoti tagħna li, għad li jinsabu msefrin, jiffurmaw dejjem parti integrali minn din il-parroċċa (u li min jaf kemm jixtiequ jkunu preżenti hawn magħna), qed insellem lill arċipriet Ġużeppi Farrugia li, f'għeluq id disa' snin ta' ħidma bħala arċipriet ta' din il-parroċċa, inħoss li għandi nżżih ħajr mill-qalb. Il-tmexxija tiegħu f'dawn is-snin għenitna biex ersaqna lktar lejn Alla, u mmaturatna biex naċċettaw minn idejn Alla deċiżjonijiet li aħna, bħala bnedmin, forsi mhux dejjem nifhmu r-rieda ta' Alla fihom. Mons. Farrugia sa jibqa' jaħdem fil-parroċċa tagħna, li hija d-dar tiegħu, bħalma hija d-dar tagħna. L-esperjenza u l-imħabba li għandu għall-parroċċa tagħna u għal San Ġorġ jgħinuh biex jagħti l-għajnuna lill-arċipriet il-ġdid, Mons. Pawlu Cardona, bħalma l-mibkija Mons. Emanwel Mercieca u Mons. Salv Borg, l-arċiprieti ta' qablu, taw lilu meta l-Mulej għabbieh bit-tmexxija ta' din il-parroċċa.

Jalla l-Mulej Alla jgħinna lkoll biex flimkien ngħinu lil xulxin infittxu t-triq tiegħu u dak li jrid minna għas-salvazzjoni ta' ruħna.

**Grazzi ħafna, Monsinjur Farrugia.**

# Mons. Ġużeppi Farrugia, benefattur kbir ta' San Ġorġ

**Francesco Pio Attard** - francescopio@waldonet.net.mt

Meta Mons. Ġużeppi Farrugia laħaq arċipriet tal-bażilika ta' San Ġorġ, lura fi Frar 1998, jien kont għadni daqsxejn ta' tifel. Niftakar li ma kontx ili li dħalt abbati, u filfatt f'Lulju ta' dik l-istess sena tlajt nagħti s-servizz tiegħi bħala abbati fil-Vatikan. Kien żmien partikulari ħafna għalija li fih sirt iktar familjari mal-ħajja tal-parroċċa, li kulma jmur bdiet tinbidel iżjed fit-tieni dar tiegħi. U l-imħabba li tnisslet fija lejn San Ġorġ, b'dak kollu li jimplika dan l-isem, tqawwiet b'dak li ispira fija dan ir-ragħaj spiritwali ġdid tal-parroċċa.

Għax forsi ftit nirrealizzaw aħna li diħlin u ħirġin San Ġorġ, imma wkoll dawk li jżuru l-knisja parrokkjali u l-kumpless tagħha kultant żmien jew sempliċiment darba f'ġimgħa għall-quddiesa tal-Ħadd – li San Ġorġ nafuh kif nafuh illum għax kellu arċipriet kbir bħal Mons. Ġużeppi Farrugia. L-arċipriet Farrugia kompla fuq il-linji tar-rgħajja spiritwali li qablu kienu fit-tmun tal-parroċċa, u ħabb lil San Ġorġ billi ħasiblu għal dak kollu li kellu bżonn. Bla dubju, fil-limiti tiegħu ma setax jagħmel kollox, imma ma kienx hemm xi ħaġa li biha San Ġorġ – u miegħu l-Knisja – seta' jistagħna aktar, u hu ma ħasibx fiha jew ra kif iġibha. Il kobor ta' Mons. Farrugia, issa li nħarsu lura lejn l-arċipretura tiegħu, nistgħu napprezzawh wisq iżjed, u hekk nifhmu x'benefattur kbir ta' San Ġorġ kien. Jien li kelli x-xorti naħdem mill-qrib miegħu mhux l-ewwel darba li rajtu jbati hu biex jagħti l-massimu lil San Ġorġ, mhux sempliċiment bi dmir imma b'imħabba.



L-editur ta' din ir-rivista jista' jgħidilkom kemm sibtha diffiċli nikteb dan l-artiklu. Kuldarba li nixgħel il-kompjuter u ha nibda nittajpja, naħbat naqta' qalbi u ngħid bejni u bejn ruħi. "Imma kif nista' nikteb kollox?". Imma b'sens ta' dmir inħoss li talinqas f'din il-kitba għandi nagħti lista, li diġà naf li m'hix preċiża u lanqas tinkludi kollox, ta' l-opri li Mons. Farrugia għamel fil-parroċċa ta' San Ġorġ.

Meta ħa l-pussess ta' arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia għażel li fil-ministeru pastorali tiegħu jqiegħed l-enfasi fuq dawn it-tliet aspetti tal-ħajja parrokkjali: il-fidi, il-liturġija u l-kultura. Il-kelma għanja ta' fommu, ħierġa mill-ħsieb ta' teologu imma mill-qalb ta' Kattoliku li jħobb il-Knisja fuq kull ħaġa oħra għax fiha jidentifika lil Kristu l-Feddej, żejnet il-parroċċa tagħna b'omeliji u kitbiet mimlijin għerf u tagħlim. B'dan u bid-deċiżjonijiet li ħa huwa ħeġġeġ l-għixien tal-fidi fil-komunità parrokkjali.

Spiss smajt l-osservazzjoni ta' ħafna fuq kif Mons. Farrugia qatt ma naqas li jsemmi lil San Ġorġ kuldarba li jitkellem. Għalih San Ġorġ m'hux sempliċiment isem li donnu wieħed joħorġu mill-moħba ta' xi gwardarobba darba f'sena għal żmien il-festa u joqgħod jiftaħar bih, imma hu stil ta' ħajja li b'ħeġġa u żelu ta' l-għaġeb ried kważi "jimponih" fuq niesna, daqskemm kien żgur minnu. L-imħabba għal San Ġorġ li tant tkellem fuqha u ħeġġiġha fl-oħrajn, għal min fehem x'fisser biha Mons. Ġużeppi Farrugia, ma kinitx espressjoni fanatika u sentimentalista ta' wieħed tal-partit, li tela' f'ambjent magħluq u ma jafx b'aħjar, imma toħroġ mill-għarfien sħiħ ta' realtà unika li hu San Ġorġ – il-qaddis u r-realtà parrokkjali li taf lilu l-identità tagħha – u li, kif stqarr hu stess dan l-aħħar fl-orazzjoni funebri tal-predeċessur għażiż tiegħu Mons. Salv Borg, "trid tkun Ġorġjan biex tifhimha".

Mons. Ġużeppi Farrugia ma gawdiex minnu San Ġorġ biss, imma, qabel u fuq kollox, San Ġorġ. Jien, illum student tiegħu, nista' nixhed għal kemm stagħnew



bil-ħsieb tiegħu ta' teologu l-istudenti tas-seminarju f'Għawdex, flimkien ma' dawk tal-Fakultà tat-Teoloġija fl Università ta' Malta. Għalija fil klassi, bħal fil-kitbiet u fl-omeliji tiegħu, għandu l-kapaċità straordinarja li jissimplifika t-teoloġija bla ma jissimpliċizzaha. Wieħed ma jbatix biex jaqbad is-sens profond li jostor id-diskors tiegħu, imżejjen b'kelma mexxejja u fl-istess ħin kważi "mużikali". Eżempju klassiku hu l-ktieb tiegħu fuq San Ġorġ, *Aġjografija Ġorġjana*. Għiduli intom tistgħux issibu ktieb aħjar fuq San Ġorġ!

Kif diġà semmejt, sa nillimita ruħi li nagħti ħarsa ħafifa lill opri li għamel ġo San Ġorġ Mons. Ġużeppi Farrugia tul id-disa' snin ta' arċipretura tiegħu. Insemmihom mingħajr ma nidħol f'ħafna dettallji żejda, għax l-ispazju ma jippermettix. Illum inħarsu lejhom u rroddu ħajr lil Alla li ta lil San Ġorġ benefattur kbir, li ħabbu u offra d-disponibbiltà kollha tal-persuna tiegħu għalih. L-opri li għamel f'San Ġorġ jitkellmu waħidhom għalih. Għax dak li għamel għamlu tassew għal San Ġorġ u mhux għalih innifsu, l-ebda fost l-opri li ħalla ma jġorru ismu fuqhom, u għalhekk jixraq li għall-istorja jibqgħu miġbura hawn, meta b'din il-ħarġa qed insellmulu u nirringrazzjawh kif tassew jixraqlu, għalkemm mhux daqskemm jixraqlu.

Diġà qabel laħaq arċipriet fi Frar 1998, Farrugia kien il-moħħ wara bosta proġetti ambizzjużi li twettqu tul l-arċipretura tal-predeċessur tiegħu. Insemmu fosthom ir-restawr tal-kampnar tal-lvant tal-bażilika, li kien fi stat ħażin ħafna, dak ta' l-istatwi ta' San Ġorġ u San Mikiel, u dak ta' l-orgni Setteċentesk.

Fil-festa ta' l-1998, ftit xhur biss wara li laħaq arċipriet, sar ir-restawr minn Godwin Cutajar tal-kwadru ta' l-altar ta' San Lazzru, xogħol fl-1689 ta' Giuseppe d'Arena. Il *Ladies Society*, li kienet tant għal qalb l-arċipriet Farrugia u kien hu stess li spiss kien jistedinha tkun benefattur ta' xi opra jew proġett, ħallset ix-xogħol tar-restawr. Nistgħu nsemmu bosta kwadri oħra li sar restawr fuqhom, fosthom dak ta' Lourdes u dak antik ta' San Lazzru. Biex tigi mħarsa l istorja prezzjuża tal parroċċa, imma wkoll tal-belt li fil-qalba tagħha tinsab, Mons. Farrugia ħabrek mill-ewwel biex titwaqqaf *il-Fondazzjoni Belt Victoria*, f'Diċembru 1998. Deher ċar li Mons. Ġużeppi Farrugia ried ikompli jibni mentalità kulturali profonda li San Ġorġ dejjem stagħna biha, u dan mhux b'esklużjoni tal-fidi, imma bħala kanal dirett tagħha.

Kien f'dan iż-żmien ukoll li bdiet id-dekorazzjoni tas-saqaf ta' l-oratorju tal bażilika, illum is-sagristija l-ġdida Mons. Farrugia niżżel is-sagristija fl-oratorju u



kkummissjoni lill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi tliet kwadri għas-saqaf. Illum wieħed jidħol fis-sagristija u jara wkoll bosta kwadri jżejnu l-ħitan tagħha, xogħol ta' Raymond Pitrè, fosthom il-pitturi tal-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca u taż-żewġ beati Maltin, flimkien ma' oħrajn ta' persuni ta' ħajja qaddisa li tgħammdu San Ġorġ, fosthom Madre Margerita Debrincat u Dun Pawl Micallef. Dawn tlestew fl-2004. Dan barra l-pitturi-ritratti ta' l-arċiprieti ta' qabel, Mons. Emanuel Mercieca u Mons. Salv Borg, li riċentament żdied magħhom dak ta' Mons. Farrugia nnifsu, it-tielet arċipriet tal-kolleġġjata Ġorġjana.

Fis-sena 1999 il-lapida f'ġieħ l-arċipriet Saverio Cassar kienet l-ewwel waħda minn numru kbir ta' lapidi li l-arċipriet Farrugia waħħal fil-bini parrokkjali u fuq il-ħitan tal-knisja biex ifakkar avvenimenti kbar li seħħu. F'dan iż-żmien ukoll ġie inawgurat l-istazzjon ġdid tar-radju komunitarju tal-parroċċa, *Leħen il-Belt Victoria*, li, wara li tlesta r rinnovament fuq il bini tad *Domus Curialis* (magħruf bħala "Tal-Badiku") fi Pjazza San Ġorġ, fl-2000 daħal bl-istudjows il-ġodda tiegħu f'dan il-bini u beda jxandar uffiċċjalment minnu.

Is-sena tal-Ġublew kienet mument ta' grazzja għall-parroċċa kollha. Il-Q.T. Bartilmew, Patrijarka ta' Kostantinopli, ta lill parroċċa tagħna l ikona sabiħa ta' l-Inkarnazzjoni, b'tifkira ekumenika tal-Ġublew il-Kbir. Kien ukoll fis-sena 2000 li saflaħħar beda jseħħ proġett li kien ilu tant f'moħħ l-arċipriet Farrugia: sar it-tberik ta' l-ewwel ġebla tal bini l ġdid taċ-ċentru u d-dar parrokkjali, li flimkien mal-kappella Biżantina sar fuq disinn tal-perit Salvu Micallef. Il-parroċċa nediet skema ta' ġbir għal dawk il-benefatturi ta' San Ġorġ li riedu jgħinu f'dan il-proġett ambizzjuż. Kif tenna wisq drabi Mons. Farrugia, kienet l-għajnuna kontinwa u disinteressata tagħhom li wasslet dan il-proġett sa tmiemu.



Il-koppla tal-bażilika sarilha wkoll restawr minn barra, u maż-żmien ġiet aġġornata wkoll is sistema tad dawl tagħha fi żmien il-festa, waqt li xi sena ilu l-Kunsill Lokali qiegħdilha wkoll xi dwal ġodda għal billejl. B'rabta mal-festa nxtara sett ta' disa' lampieri tal-fidda biex jitqiegħdu maġenb l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, meta din tkun esposta fil-knisja għal żmien il-festa. Fis-sajf ta' din is-sena tal-Ġublew il-parroċċa organizzat pellegrinaġġ parrokkjali lejn Ruma, fejn il-kor *Laudate Pueri* kien mistieden ikanta f'San Pietru.

L-arti dejjem kellha post speċjali fil-proġetti ta' Mons. Farrugia. Fl-2001 hu ħaseb għal rinnovazzjoni estensiva

ta' l-awla kapitulari fl-ewwel sular taċ-ċentru parrokkjali, waqt li kompla x-xogħol fuq is-sagristija l-qadima, li tbiddlet fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*, bl-iskop li tintuża għall-kunċerti u laqgħat oħrajn. Fl-2002 din is-sala prestiġjuża ġiet irħamata u s-saqaf tagħha mżejjen bi *stucco* u pasta. Ġiet ukoll mgħammra bi kwadru modern ta' San Mikiel, maħdum mill-artist Rabti John Grima, u b'*Yamaha Grand Piano* għall-kunċerti. Filfatt f'din is-sala jsiru ħafna mill-kunċerti tal-*Victoria International Arts Festival*, marbut mal-programm tal-festa ta' kull sena, li fi żmien l-arċipriet Farrugia ħa bixra iktar internazzjonali. Marbut ma' dan il festival hu wkoll il kor *Laudate Pueri*, li llum isebbaħ il-liturġiji l-kbar fil-bażilika. Kien Mons. Farrugia li waqqfu fl-1976, u fis-snin tiegħu bħala arċipriet il-kor għamel bosta żjajjar storiċi barra minn Malta, fosthom fil-Vatikan, f'Londra u fi New York, kif ukoll stieden f'San Ġorg korijiet kbar bħal dak tal-*Cappella Sistina* u l-ieħor tal-katidral Ingliż ta' Canterbury, waqt kunċerti memorabbli.



Dan kien żmien ta' bidliet kbar fl-istruttura tal-bini madwar il-bażilika. Ix-xogħol fuq id-dar il-ġdida kien miexi ġmielu, hekk kif il-parroċċa ħadet ħsieb tixtri proprjetà oħra fil qrib li setgħet tħaffef it-tkabbir tal-proġett. Fejn kien twaqqa' xi bini maġenb is-sagristija l-qadima, tkabbar biżżejjed biex inbena kjostru arkitettoniku Romanesk fuq disinn ta' l-Imgħallem Vince Centorino, kif ukoll l-istess uffiċċju ta' l-arċipriet, kċina ċkejkna u daħla oħra minn Triq San Ġorg li ġieli serviet ukoll ta' spazju għall-wirjiet.



Fis-sala ta' quddiem l-awla l-ġdida, illum *Sala San Mikiel*, inbena l-uffiċċju parrokkjali l-ġdid, b'dak kollu meħtieġ għall-ħidma pastorali, li maż-żmien kompla jiġi mgħammar b'kulma kien hemm bżonn – *copyprinter*, *photocopier*, televixin, *projector*, u fuq kollox kompjuters bl-internet; attrezzat ukoll b'segretarja parrokkjali. Sa l-2006 dan l-uffiċċju kienet żdiditlu wkoll estensjoni ta' arkivju mill-aktar serju, li x-xogħol fuqu kien f'idejn Anton Farrugia. Fl-aħħar xhur beda wkoll ix-xogħol fuq il-librerija parrokkjali.

Il-knisja wkoll ħadet dehra ġdida billi bdew jidhru l-ewwel siġġijiet maħdumin fil-ballut, bil-ġinokkjatur magħhom, maħdumin għand l-*FXB*. Kellha tasal is-sena 2004 biex il korsija kollha tkun mgħammra bl istess siġġijiet, imma kien proġett li ta dehra wisq isbaħ lill-knisja. Fis-sena 2001 iżżanżan ukoll baklu ġdid bix-xbieha ta' San Ġorġ fuqu.

Fl-2002 sar pass ieħor kbir fix-xogħol tal-bini, li kien qed jieħu ħafna mill-enerġija ta' l-arċipriet Farrugia u l-kollaboraturi tiegħu f'dan il proġett. Tqiegħdet l ewwel ġebla tal-kappella Biżantina, iddedikata lis-Santissmu Kurċifiss, li biha l-arċipriet ried jagħti iktar importanza lill-adorazzjoni ewkaristika fil-ħajja tal-komunità. Fl-2003 inġabu għaliha erba' kolonni maħduma f'Napli minn irħam fin, waqt li fl-2004 tlesta s-saqaf tagħha u bdiet tinbena l-koppla, ukoll fil-ġebla Maltija, li tlestiet fl-2005 flimkien ma' tmien twieqi artistiċi fl-istil Biżantin. Sar ukoll restawr tal-bażijiet tal-prospettiva li mill-bażilika tagħti għall-kappella l-ġdida, għax dan kien jitlob ukoll li jiċċarrat il-ħajt bl-altar tal-Kurċifiss fil-kappella tiegħu, biex hekk setgħet titniffed il-kappella l-ġdida. L-iżvilupp fil-bini parrokkjali ma naqqasx mir-ritmu li bih kienu qed isiru l-opri fil-bażilika. Saret id-dekorazzjoni bid-deheb tal-koppletta tal-bieb tan-navata tal-punent f'sensiela ta' dekorazzjonijiet oħra fin-navi, filwaqt li nxtara ostensorju ewkaristiku ġdid maħdum fil-fidda.



Il-parroċċa bdiet tħejji ruħha minn kmieni għall-festi ċentinarji tal-martirju ta' San Ġorġ fl-2003, u filfatt nediet il-pubblikazzjoni tas-sensiela bilingwali *SAN ĠORĠ*, li kellha numru kbir ta' abbonati, u meta ħarġet kollha fl-2005 inġabret f'volum enċiklopediku tabilħaqq attraenti. Fi żmien l-arċipriet Farrugia l-uffiċċju parrokkjali żviluppa fi kważi "dar tal-pubblikazzjonijiet", bl-ammont ta' ssettjar u stampar li ħareġ minnu. Ġew stampati xogħlijiet ta' livell għoli, waqt li pubblikazzjonijiet diġà eżistenti, fosthom din ir-rivista parrokkjali *Il-Belt Victoria*, ingħataw wiċċ ġdid. Kulħadd kien jistenna l-kelma ta' l-arċipriet Farrugia fil-bullettin ta' kull ġimgħa, bi preżentazzjoni pjuttost komuni imma b'messaġġ dejjem attwali u interessanti.

Iż-żewġ lapidi fuq il-faċċata tal-bażilika jfakkru ż-żewġ anniversarji kbar tal-Ġublew il-Kbir ta' l-2000 u taċ-Ċentinarju Ġorġjan ta' l-2003. F'dan ta' l-aħħar ġew organizzati festi speċjali li għalihom ġew mistiedna bosta persunaġġi distinti, fosthom prelati Ortodossi u Anglikani. Mons. Farrugia jibqa' magħruf għall-ispinta qawwija li ta lill-ekumeniżmu fil-Knisja fi gżiritna; filfatt bit-tħabrik tiegħu nbniet ħbiberija qawwija bejn il-parroċċa Ġorġjana u l-kongregazzjoni Anglikana f'Għawdex, li f'April 2005 ġiet iddedikata lill-verġni Marija u lil San Ġorġ proprju fil-bażilika tagħna.

Bla dubju jkollna bżonn ħafna iżjed minn ftit paġni biex nitkellmu fuq il-festi ċentinarji, li nkiteb fuqhom fit-tul f'ħarġiet oħrajn, imma nsemmu wkoll li għal din l-okkażjoni speċjali saru festi kbar ukoll f'April 2003, b'simposju internazzjonali fuq il-qaddis, u fil-jum tal-festa liturġika ta' San Ġorġ nhar it-23 ta' April ħarġet il-purċissjoni titulari filgħodu, bħal kif kienet issir fil-qedem. Imbagħad f'Lulju nġabet mill-Velabro r-relikwa tar-ras tal-qaddis, u l-jum tal-festa ġie ċċelebrat bħala solennità fid-djoċesi kollha. Kien f'din is-sena għażiża li jiena bdejt il-kors tiegħi fis-seminarju, bl-inkuraġġiment ta' l-arċipriet Farrugia, xahrejn biss wara li miegħu kont ħadt lura r-relikwa ta' San Ġorġ lejn Ruma.



Il-festa tas-sena 2004 tibqa' mfakkra l-iktar għall-inawgurazzjoni, fiha nfisha singulari, tal-*Porta Salutis*, il-bieb ġdid tal-bronż għall-faċċata tal-bażilika, maħdum f'Verona fuq disinn ta' John Grima, b'temi teoloġiċi mfasslin mill-arċipriet Farrugia nnifsu. Iktar tard ukoll sar restawr u tiġdid ta' l-antiporta ta' dan il-bieb. Il-bieb il-qadim illum jinsab fis-*Sala San Mikiel*, fejn fl-2005 beda jintrama wkoll orgni mekkaniku Ingliż tas-seklu dsatax, b'kanni tradizzjonali ta' l-injam, li kien iżżarma minn kappella Ingliża.




Fl-2004 saru restawr u indoratura ġdida b'deheb ta' erbgħa u għoxrin karat ta' pissidi artistiku tas-seklu tmintax. Fil-knisja wkoll ġie inawgurat il-monument f'ġieħ l-isqof Mons. Ġużeppi Pace, saċerdot ta' San Ġorġ li bħala isqof għamel ġid kbir lil din il-parroċċa. Iktar kmieni, fl-arċipretura ta' Mons. Salv Borg, bl-inizjattiva ta' Farrugia kien ġie inawgurat monument ieħor lill-arċipriet Alfons Marija Hili fil-bażilika.

F'Novembru 2004 il-parroċċa kompliet tagħraf is-sinjali taż-żminijiet u l-ħtieġa li tikkomunika b'mod dejjem ġdid u bi strumenti iktar effettivi ma' kull membru tagħha, anki dawk imbiegħda. Għalhekk, wara n-novità tar-radju li issa kien adotta sistema effettiva ta' skedi sħaħ u ridotti, ġiet inawgurata l-websajt parrokkjali *www.stgeorge.org.mt*, li maż-żmien saret l-aktar websajt parrokkjali popolari f'Malta u Għawdex, bil-*hits* jiżdiedu bil-ġurnata. Hawn bilfors ikollna nieqfu u nirrikonoxxu d-dedikazzjoni kbira ta' l-arċipriet Farrugia għall-websajt, hekk li kważi kuljum hu stess kien u għadu jaġġornaha

b'informazzjoni ġdida. Hu servizz tad-deheb speċjalment lill-emigranti tagħna, li huma tant għal qalbu.



Ix-xogħol fuq id-dar parrokkjali fl-2005 beda dieħel f'fażi ġdida. Dan il-proġett għal Mons. Farrugia fuq kollox kien ifisser li San Ġorġ, li jilqa' tant u tant nies kuljum, seta' jkollu "dar" qabelxejn għas-saċerdoti biex ikunu iżjed għas-servizz tal-poplu. Issa kienu saru s-sistemazzjoni kollha tad-dawl u l-ilma, l-iċċangar bl-irħam u ċ-ċeramika, u l-għeluq ta' l-aperturi kollha bl-injam, l-aluminju u l-ħġieġ.



Fl-għarfien tal-ħtieġa li tkun dejjem għas-servizz pastorali tal-membri tagħha, il-parroċċa f'dan iż-żmien xtrat *minibus* biex tiffaċilita l-ħidma mat-tfal u ż-żgħażagħ. Mons. Farrugia, direttur spiritwali tal-*Victoria Scout Group*, dejjem wera attenzjoni speċjali għall-pastorali maż-żgħar, tant li ħabrek ħafna biex tinstab l-aħjar quddiesa adattata għalihom. Anki għaż-żgħażagħ, malli laħaq arċipriet mill-ewwel inkuraġġixxa t-twaqqif tal-grupp *23four>>* u dejjem appoġġja l-attivitajiet ta' dan il-grupp, speċjalment il-quddiesa taż-żgħażagħ, u fl-2005 tela' magħhom il-Ġermanja f'pellegrinaġġ għall-*Jum Dinji taż-Żgħażagħ* f'Köln.



Id-dar parrokkjali l-ġdida issa kellha bżonn li tibda tiġi mgħammra b'kulma kien meħtieġ. Fl-2006 tlestiet il-kċina, li mill-ewwel bdiet tintuża wkoll għall-attivitajiet tal-parroċċa. Inħadmu tmienja u tletin bieb tad-diviżjoni kemm għad-dar tas-saċerdoti u kemm għaċ-ċentru parrokkjali, kollha fl-injam tal-ballut. It-twieqi u l-aperturi l-oħra li kien fadal ġew magħluqa bl-aluminju. Ġie wkoll stallat lift ta' ħames sulari li jagħti access dirett għas-sulari kollha tad-dar tas-saċerdoti, li fil-binja tagħha issa tinkludi wkoll swali għal-laqgħat, iktar spazji fejn jinżamm l-armar matul is-sena, *workshop* u *basement*. Dan wara li diġà kien ġie stallat lift ieħor fid-dar tar-radju, u hawn ukoll il-parroċċa investiet f'kompjuters u makkinarju ġdid. Fil-knisja beda x-xogħol fuq it-tabernaklu monumentali maħdum fil-fidda, li filfatt ġie mbierek f'Lulju 2007. L-isfera tal-fidda ġiet maħsula f'deheb ta' erbgħa u għoxrin karat.

Is-sena 2007, l-aħħar waħda fl-arċipretura ta' Farrugia, kienet ikkaratterizzata minn proġett ieħor kbir: ir-restawr tal-bażilika u s-sistema l-ġdida ta' l-illuminazzjoni. Din, bl-għajnuna ta' bosta benefatturi,





ġiet inawgurata f'Lulju, bħala parti mill-programm tal-festa. Niftakru li l-istess programm tal-festa ta' kull sena ħa dimensjoni wisq usa' grazzi għall-viżjoni ċara li kellu Mons. Farrugia. Il-programm liturġiku ta' matul is-sena kiseb struttura elaborata li għamlet minn San Ġorġ attrazzjoni liturġika mill-aqwa, bil-prominenza raġunata lit-tradizzjoni Gregorjana bl-għajnuna ta' l-i*Schola Cantorum*. Imma barra l-appuntamenti straordinarji ta' matul is-sena, l-istess servizz sagramentali u pastorali li jum wara l-ieħor San Ġorġ jagħti lill-Kristjani Għawdxin, Maltin u barranin, u kif ukoll lil dawk li jżuruna u m'għandhomx il-fidi tagħna, ma jaqta' xejn. Mons. Farrugia ta importanza speċjali lill-quddiesa tas 18.00 ta' kuljum, imxandra fuq ir-radju, li fiha introduċa meditazzjoni qasira fuq il-Kelma ta' Alla u b'tabla magħha adorazzjoni ewkaristika. Mexxa wkoll xi ġranet fil-kalendarju biex ta iżjed sens liċ-ċelebrazzjonijiet ta' jiem speċjali bħall-Ewwel Tqarbina, il-Konfirmazzjoni u l-Kwaranturi.

Meta Mons. Ġużeppi Farrugia ħalla l-uffiċċju ta' arċipriet, xena mhux għalkollox sabiħa li għadni niftakar ċar daqs il-kristall f'dik l-għodwa tat-18 ta' Settembru 2007, b'maturità hu ħalla parroċċa mitt elf darba aħjar milli sabha. Fis-snin tiegħu bħala arċipriet moħħu kien dejjem iberren fuq kif sa jagħmel lil San Ġorġ isbaħ, u bilkemm kien jilħaq ilesti jaħdem fuq ħaġa li ma jkunx diġà jaħseb fuq l-oħra! Filfatt xi wħud li ma kellhomx id-dinamiżmu tiegħu mhux l-ewwel darba li kienu jilmentaw bl-ammont kbir ta' proġetti fl-istess żmien. Imma ma kienx hemm ħaġa li kellu f'moħħu għal San Ġorġ li, wara li għaddieha mill-għarbiel tar-raġuni u l-opinjoni ta' ħafna oħrajn, b'umiltà u mħabba, ma kissirx għadmu biex għamilha u raha lesta! U dan fuq kull livell. Kien ifittex il-parir ta' ħafna, u mbagħad jasal jiddeċiedi wara li jkun ikkonsulta lil min jifhem, għax min jafu jaf li ried l-aħjar u ma kienx jiflaħ għall-medjokrità. B'inizjattiva tiegħu nħolqot il-Ġimgħa Parrokkjali u l-assemblea parrokkjali biex in-nies kollha tal-parroċċa jkollhom il-libertà sħiħa li jsemmgħu leħinhom anki fuq il mod kif titmexxa l-parroċċa u jsiru l-affarijiet.

Qatt ma qata' jiesu f'dak li hu ta' San Ġorġ, u għamel kulma seta, anki lil hemm mil-limiti tiegħu, tant li kien lest jiġġieled biex jara lil San Ġorġ aħjar. F'imħabbtu għal San Ġorġ ma tiċċajtalux! F'dan kien ta' ispirazzjoni kbira għalina, għax għallimna xi tfisser tkun Ġorġjan tassew u, fuq livell uman, kif tkun bniedem ta' viżjoni u b'kuraġġ twettaqha. Mumenti ta' dlam u qtigħ il-qalb kellu kemm ried, imma ma kienx bniedem li kapaċi jċedi malajr, u jidher li f'dan kien imqanqal minn ċertu ottimiżmu Kristjan. Naf x'jien ngħid... għax anki sempliċi mewt ta' qassis għażiż bħal Dun Louis Bezzina ħalliet effett qawwi fuqu, wara tant xhur li fihom kaxkar parroċċa sħiħa warajh fit-talb għall-bżonnijiet tiegħu. U bħal kull ragħaj ieħor, bata s-solitudni (anki fl-ideat) u l-piż tat-toqol tagħha.

Naħseb li dan kollu għandu jagħtih ħafna u ħafna sodisfazzjon, kif ninsab żgur li qatt m'hu ħa jehda jaħdem biex jara proġetti oħra jseħħu... fosthom insemmi l-mużew tal-bażilika, l-irħam, is-*sound*, il-pjazza... Il-lista ma tieqaf qatt! Għal dan kollu, u għal ħafna iżjed li ma stajtx jew insejt insemmi: "Grazzi, Arċipriet!". Nawguralek li tibqa' dak li int, biex fina u f'ta' madwarek tissokta tnissel imħabba awtentika lejn il-parroċċa u lejn il-Knisja.
















**1** Il-folla Ġorġjana u l-banda *La Stella* tilqa' lil Mons. Ġużeppi Farrugia fi Pjazza San Ġorġ, quddiem il-knisja parrokkjali li serva bħala arċipriet għal disa' snin. **2** Mons. Farrugia, flimkien ma' Mons. Cardona, arċipriet elett, fil-bieb tal-bażilika. **3** L-għotja ta' pittura ta' l-artist John Grima, li tirrappreżenta lil Mons. Farrugia, bħala ringrazzjament tal-ħidma kollha li wettaq tul l-arċipretura tiegħu. **4** Ritratt ta' l-okkażjoni mal-kor tal-bażilika Ġorġjana *Laudate Pueri*. **5** Mons. Cardona u Mons. Farrugia flimkien waqt riċiviment fl-okkażjoni tal-quddiesa ta' radd il-ħajr għall-arċipretura ta' Mons. Farrugia, nhar it-28 ta' Ottubru 2007.

Ġwanni seta' jwinta l-persunaġġ biex jgħallem x'inhi l-vera dinjità tal-qassis.[4]

Skond ir-rakkont, Ġwanni u Bażilju kienu ħbieb tal-qalb. Bażilju aċċetta li jsir isqof, ċert li ħabibu kien inħatar ukoll. Nhar l-ordinazzjoni Ġwanni sparixxa; ma deherx! U Bażilju ntilef; ried jifhem għaliex ħabibu daħak bih. Kien għalhekk li l-Kriżostmu spjega l-għażla li għamel.

Dak iż-żmien biex xi ħadd seta' jinħatar djaknu, qassis jew isqof, il-qassisin tal-post kienu jiltaqgħu fil-knisja ewlenija tad-djoċesi u, quddiem kulmin kien hemm, jiddiskutu lil min riedu. Il-Kriżostmu xejn ma kien kuntent b'din id-drawwa: qiesha okkażjoni ta' kummerċ reliġjuż. Min ressaq lil ħabibu jew lil niesu; min xtaq jikseb xi ħaġa mill-magħżul; min qies is-saċerdozju bħala unur tad-dinja; u min fittex jinħabb ma' xi familja setgħana. L-agħar, skond il-Kriżostmu, kien li tinqala' qlajja, iwwintata minn żniedha, biex tkisser lil xi ħadd.[5]

Skond l-istudjużi x'aktarx kiteb ir-riflessjonijiet tiegħu madwar is-sena 390, meta kien qassis u qabel ma sar isqof. San Ġlormu jirrakkonta kif hu stess qara l-ktejjeb fis-sena 392.[6]

### Ħidmet il-qassis

Il-missjoni tal-qassis isseħħ fil-qadi ta' l-altar u bit-tħabbir tal-Kelma. Madwar l-altar il-qassis isir ħaġa waħda ma' Ruħ il-Qodos ħalli, permezz ta' kliemu u għemilu, iwassal lil Alla fuq l-art. Kienu l Missier u l-Iben li fdaw lill-Ispirtu s-Santu l-ħidma tat-tqaddis tal Knisja u tad dinja.

> Hekk kif xi ħadd iqis – jikteb Ġwanni – kemm hi ħaġa kbira li bniedem tad-demm u l-laħam jingħata ċans jersaq lejn in-natura ta' Alla, imqaddsa u safja, jifhem żgur x'unur il-grazzja ta' l-Ispirtu twiegħed lill-qassisin. Permezz tagħhom iseħħ il-liturġija...
>
> Min jgħix u jgħammar f'din l-art jiġi fdat jamministra l-ħwejjeġ tas-Sema. Hu jingħata awtorità li Alla la ta lill-anġli, lanqas lill-arkanġli. Għax lil ħadd minnhom ma qal: "Kulma torbtu fl-art jintrabat fis-sema, u lil min tħollu f'din l-art jinħallu wkoll fis-sema" (Mt 18:18).[7]

San Ġwann ma ddarrasx itenni li l qassis huwa akbar mill-anġli. Ebda anġlu qatt ma kiseb is-setgħa jikkmanda lil Ruħ il-Qodos; anqas u anqas ma jista' anġlu jagħti l-istess qdusija ta' Alla... lil kulmin irid.

Għaldaqstant Ġwanni jistieden lill-qassis biex jingħata b'ruħu u b'ġismu għall-kontemplazzjoni tal-Kelma li jilqa' minn Alla. Imbagħad jara li jwassal lil Kristu b'kull kelma li jlissen u b'kulma jwettaq b'idejh.[8] Minkejja li l-qassis għandu dmir jara li ħadd ma jonqsu xejn, il-bqija ta' ħidmietu – tkun xi tkun – ta' min iħalliha f'idejn id-djakni jew id-djakonessi, ir-romol u l-lajċi.

Wara li, nhar l-Għid, l-Irxoxt nefaħ fuq l-Appostli u tahom l-Ispirtu s-Santu, huma ħatru lil Stiefnu u 'l sħabu biex jgħinuhom fil-qadi ta' l-imwejjed. Bħall-Appostli l-qassis għandu jfittex jingħata għall-qadi tal-Kelma. Ġwanni nnifsu kien bniedem qasir u xipli: biex jippriedka, aktar mis-sedja ta' l-isqof, kien iħobb jintefa' bilqiegħda fuq l-ambone, biex b'hekk seta' jersaq aktar qrib tan-nies, u din setgħet tarah u tisimgħu aħjar.

Dment li qassis iżomm ħarstu fuq Kristu u jwarrab kull ħidma li, għalkemm fejjieda, m'hix qadi ta' l-altar, huwa ma jitlifx triqtu. Jista' jagħżel jimxi max-xejra tad-dinja, jingħata għan-negozju – sahansitra għal skopijiet qaddisa –, jagħma bil-politika, jintilef fit-tpaċpiċ, jew jinħall wara seħer ta' mara. Għalkemm dan jista' jkun tajjeb għal ħaddieħor, iwassal ħajjet il-qassis għat-telfien.

Fi żmien meta l-qassisin setgħu jiżżewġu, Ġwanni stedinhom biex il-qadi ta' l-altar isir is-sies mhux biss ta' ħajjithom, imma wkoll ta' ħajjet in-nisa u l-wild tagħhom.[9]

> Huwa u jiddixxerni kollox fil-fond, il-qassis għandu jkun meqjus: kapaċi jħares f'kull direzzjoni, bħallikieku kellu għajnejn li ma jingħaddux; m'hux bniedem li jgħix għalih innifsu, imma għal ħafna... bla għadd.[10]

Il-missjoni tal-qassis hi aqwa minn dik tal-ġenituri u ta' l-istess mexxejja tad-dinja.

Jekk missier u omm iwelldu, ikabbru u jedukaw għal din il-ħajja, il-qassis iwelled, isaħħaħ u jmexxi biex kulħadd jasal fil ħajja li ma tintemmx.[11]

Fid-dinja l-mexxejja jorbtu u jikkmandaw kemm u meta jridu: kelmithom iżda tilħaq biss il-ġisem! Qatt ma jistgħu jordnaw lir-ruħ; anqas u anqas tista' kelmithom torbot lil Alla.

Dan irid Alla mill-qassis: li kelmtu tinfed is-smewwiet, hija u tidħol għal bnedmin bħalu, quddiem it-Tron ta' l-Għoli; u li kelmtu timla wiċċ l-art bil-ħniena u bl-imħabba tal-Missier etern.

### Bejn sema u art

Biex ifisser l-impenn tal-qassis, San Ġwann juża żewġ tixbihat: it-tmexxija ta' l-armata u t-treġija tax-xwieni. Il-Knisja, il-poplu li Alla jagħżel, tiġġieled kontra l-ħażen u, bħal qoxra ta' dgħajsa, tissielet mal-ħalel tal-ħajja, hija u tbaħħar lejn xatt is-sliem ta' dejjem.

Dment li jikseb id-dawl minn fuq l-altar, jagħraf tajjeb li l-vera taqbida tal-ħajja sseħħ bejn il-Feddej u l-ħażin, bejn Demmu mqaddes u l-art niexfa qoxqox, mogħmija biss b'ħwejjeġ li ma jtiqux.

Il-Kriżostmu tgħallem bl-esperjenza li l-penitenzi ħorox li fittex m'għenuhx ikun ta' ġid għal ħaddieħor. Għal sentejn sħaħ tant għakkes lilu nnifsu li dgħajjef u ħarbat saħħtu darba għal dejjem. Li bniedem, għaldaqstant, jingħata għal penitenzi, talb bil-lejl u trażżin żejjed tal-passjonijiet, hi ħidma ta' min ifaħħarha, iżda tajba biss għal min jinqata' mid-dinja u jgħammar fid-deżert, biex jgħix biss għal Alla.

Penitenzi bħal dawn m'humiex it-triq tal-qassis; l-għan ta' ħajtu m'hux li jfittex il-ġid spiritwali tiegħu, jew li b'ħiltu jsalva lilu nnifsu. Ħidmietu hi, kollha kemm hi, b'riżq il-poplu li l-Mulej jafdalu f'idejh.[12] Isalva lilu nnifsu daqskemm jipprova jsalva lil ħaddieħor!

X'jibqa' minn namrat, imsaħħar wara xebba, meta jsir jaf li sa tiżżewweġ bniedem mill-agħar, vjolenti, magħtub u ikrah? Dan iġarrab il-qassis, meta jara l-Kristjani jitferrxu ma' l-erbat irjieħ, bla ma jkollhom ħin għal Alla.

X'jista' jġarrab żagħżugħ, mitfugħ bejn żewġ armati mill-agħar, kif wieħed jara f'xi film?[13] X'jibqa' fih quddiem dak il qtil u l waħx, jew quddiem il ħruq u l-qerda ta' madwaru?[14] Bl-istess mod, qassis jista' jaqta' qalbu malli jifhem sew Alla xi jrid minnu. Huwa u jikkontempla l-ġlieda qalila bejn Kristu u x-xitan, minn awl id-dinja li jaqta' qalbu. Ta' bniedem ġwejjed, jixtieq jaħrab minn piż bħal dak.

Iżda bħala qaddej ta' l-Ispirtu ta' Alla bil-kuraġġ ifittex jidħol għal taqbida bħal dik. Lil Bażilju jgħidlu:

> Meta tilmaħ armata misħuta daqshekk, teħel minn ġewwa. Qalbek trid tkun tassew nobbli u tagħraf tistrieħ fuq il-ħarsien providenzjali ta' Alla biex fih issib it-tarka ta' l-istess kuraġġ tiegħek...
>
> Nemmen – itenni Ġwanni lil ħabibu – li, permezz ta' Kristu li jsejjaħlek u jafdalek in-nagħaġ tiegħu, int tikseb kull għajnuna għal dan il-ministeru, biex lili wkoll tmexxini fit-tined tiegħek ta' dejjem, saħansitra meta nkun fil-periklu fl-aħħar jum.[15]

Jirrakkonta wkoll kif ommu ħassritlu meta ried jagħti ħajtu għal Alla; talbitu jibqa' magħha kemm iddum ħajja. Imbagħad, qaltlu, seta' jbaħħar fejn u f'liema ilmijiet ried.[16]

Ħajjet il-Knisja tixbah vapur mgħammar tajjeb u mgħobbi b'merkanzija mill-aqwa. it-tmun f'idejn il-qassis. Jgħarralu sew jekk kollox jintilef! Jintemm il-ġifen u l-merkanzija tgħib "fl-abbiss tan-nirien"; dakinhar ir-ruħ tinfired mill-ġisem biex tikseb kundanna bla tmiem.

Ġwanni jirrakkonta kif, qabel ma sar Isqof, kellu jitħabat u jissielet ma' buffuri aqwa mill-agħar irjieħ li jqallbu l-ibħra ta' taħt fuq.[17] Iżda baħar bla mewġ ma jeżistix! L esperjenza għallmitu li ħajjet il-qassis ma tistax tkun bla preokkupazzjoni jew qtigħ il-qalb.[18] Ladarba Kristu ġa rebaħ lix-xitan, l-Ispirtu ta' Alla jieqaf mal-qassis, fil-bnazzi u fil-maltemp.

**Diffikultajiet f'ħajjet il-qassis**

L-istess Spirtu jkompli jsejjaħ xi rġiel għal ministeru ogħla minn ta' l-anġli u jitlobhom jgħixu fis-safa, bħallikieku ġa jinsabu quddiem Alla l-Għoli.

Fil-ħajja saċerdotali l-ħażin hu kulma jbiegħed minn Alla, inkella jfarrak l-għaqda tal-Knisja.[19] Skond il-Kriżostmu l-Knisja dakinhar issir tixbah korsa tat-tiġrija: il-fidili jħarsu lejn dak... mhux lejn l-ieħor; jappoġġjaw lil wieħed... kontra l-ieħor; jisimgħu bil-qalb lill-wieħed... huma u jistmerru lill ieħor.[20] Meta jindunaw li kelmet il qassis ma tkunx ġejja minn kelmet Alla u ssir biss kelmet bniedem, il-qassis jitlef il-qâleb u l-ġbejna. La jkun jista' jwassal it-tama u l-paċi, lanqas jgħaqqad lil ħutu mal-Feddej!

B'kelmtu u b'għemilu l-qassis ifittex jogħġob lil Alla, aktar milli jgħoġob lill-bniedem. Jobgħod kull għira u tqassis, għax dawn ibiddlu l-miġemgħa ta' Alla f'merħla bla kontroll. Bħalma jagħmel ġenitur għaqli ma' wliedu, qassis tajjeb jagħraf jikkontrolla lilu nnifsu meta jinsultawh jew isawtuh. Nikkonslaw meta niftakru li l-istess Kriżostmu sab kliem bħal dan diffiċli sew: hu stess kien ta' spiss jitlef il-paċenzja, u dejjem ta' żaqqu f'fommu!

Min-naħa l-oħra l-Kriżostmu għaraf jevita jimtela bih innifsu, ukoll meta ħalla lil xi isqof ieħor jippriedka u n-nies ipprotestat għax riedet lilu! Jekk ma meliex għajnejh bil-kumplimenti, ma ħalliex il-kritika tiddisprah, sew jekk ġusta, sew jekk inġusta. Mill-eżilju kiteb numru kbir ta' ittri biex jgħin lil dak u jagħmel kuraġġ lill-ieħor.

Il-veru faraġ il-qassis jiksbu biss mingħand Alla.[21]

**Konklużjoni**

Il-Kriżostmu għex f'dinja fejn il-Kristjani kienu minoranza. Nhar ta' Ħadd ħafna minnhom fittxew it-tlielaq, għażlu l-korsi taż-żwiemel jew hedew it-teatri. Kienet Knisja maqsuma: l-Arjani kontra dawk ta' Niċea; ta' favur l-imperatur kontra min ried aktar awtonomija politika; ta' min inqeda bil-Knisja għall-karriera kontra min għażel jaħrab fid-deżert; u ta' min fittex il-ġid ta' niesu u mhux dak ta' wlied Alla.[22]

Bħala qassis Ġwanni kellu jikkalma l-belt ta' Antjokja, wara li l-imperatur għamel ħerba minn min hadha kontrih. Ta' Isqof fittex isebbaħ il-liturġija, għax l-eretiċi kienu jkantaw aktar bil-qalb u jorganizzaw purċissjonijiet mill aqwa għad dawl tax-xema'.

L-aħħar kliem fuq fommu – "Glorja lil Alla għal kollox!" – ifakkarna li fl-aħħar jirbaħ Alla. Ukoll meta s-suldati kellhom ikaxkruh, għax ma felaħx jimxi aktar, baqa' jfittex il-faraġ ta' Alla.

Meta Bartilmew qiegħed ir-relikwi tal-Kriżostmu fuq it-tron tiegħu, fil-katidral ta' San Ġorġ, faħħar il-ġest ta' Ġwanni Pawlu II: "Fi ħdan il-Knisja ta' Kristu m'hemmx problema li ma tistax tintrebaħ, ladarba l-imħabba, il-ġustizzja u l-paċi jintrabtu flimkien fil-qadi mqaddes tar-rikonċiljazzjoni u ta' l-għaqda".[23]

Fit-30 ta' Novembru tas-sena l-oħra Benedittu XVI żar l-istess katidral ta' San Ġorġ. Dakinhar il-Patrijarka tenna kliem il-Kriżostmu fuq il-viżjoni tal-profeta Isaija. Bil-kliem "Qaddis, Qaddis, Qaddis" l-anġli jfaħħru lil Alla fis-Sema, waqt li l-korijiet tal-bnedmin jimitaw l-istess kant ta' l-anġli fuq l-art:

> Dawk tas-sema u dawn li jgħixu f'din l-art – itenni l-Kriżostmu – jingħaqdu f'miġemgħa waħda,

f'radd ta' ħajr wieħed, f'għajta waħda ta' ferħ, f'kor wieħed ferrieħi.[24]

Jalla din tkun l-esperjenza ta' ħajjitna, mhux biss illejla f'din l-akkademja, iżda kuldarba li nidhru quddiem Alla biex għalenija nfaħħruh ma' l-anġli u mal-qaddisin.

---

[1] Ġwanni Pawlu II, Ittra enċiklika *Ut unum sint, 97; Messaġġ ta' Ġwanni Pawlu II lill-Q.T. Bartilmew I, Patrijarka ta' Kostantinopli,* 27 Nov 2004, 3.

[2] Diskors tal-Q.T. Bartilmew I, Patrijarka ta' Kostantinopli, 27 Nov 2004.

[3] Ara A. Orosz, *La différence fondamentale entre l'ascèse monastique et les tâches des prêtres* (De sacerdotio *VI, 5-8), f'Giovanni Crisostomo: Oriente e Occidente tra IV e V secolo,* XXXIII Incontro di Studiosi dell'Antichità Cristiana, Augustinianum, 6-8 maggio 2004, Roma (Studia Ephemeridis Augustinianum 93), Roma. Institutum Patristicum Augustinianum, 2005, 593-605.

[4] A.-M. Malingrey, *Jean Chrysostome. Sur le sacerdoce (Dialogue et Homélie)* (SC 272), Paris, Les Éditions du CERF, 1980, 8-10.

[5] *De sacerdotio* III, 14-15.

[6] A.-M. Malingrey, *Jean Chrysostome. Sur le sacerdoce,* 13. Ara W. Mayer–P. Allen, *John Chrysostom,* Routledge, London 2000, 3-52.

[7] *De sacerdotio* III, 5.

[8] "Għaldaqstant, it tir ġl ambizzjonih tagħna hu li l Kelma ta' Kristu tgħammar fina b'ħafna frott": Ibid, IV, 4.

[9] Ara Ibid, VI, 11.

[10] Ibid, III, 12.

[11] Ibid, III, 6.

[12] Ibid, II, 4; III, 12.

[13] Biżżejjed wieħed jiftakar fix-xeni li jirrakkonta J.R. Tolkien f'*The Lord of the Rings.*

[14] Ibid, VI, 12.

[15] Ibid, VI, 13.

[16] Ibid, I, 5.

[17] Ibid, III, 7-8.

[18] Ibid, V, 4.

[19] Ibid, III, 4.

[20] Ibid, V, 1. Ara M. Dudley, *Danger and glory. Priesthood in the writings of John Chrysostom,* f'*Studia Patristica* 27 (1993), 162-165.

[21] *De sacerdotio* V, 4,7.

[22] Ara J.N.D. Kelly, *Golden Mouth. The story of John Chrysostom: ascetic, preacher, bishop,* Duckworth, London 1995.

[23] Diskors tal-Q.T. Bartilmew I, Patrijarka ta' Kostantinopli, 27 Nov 2004.

[24] Ġwann KriŻostmu, *Omelija fuq Isaija 6:1: PG 56:97.*




# Tislima lill-arċipriet il-ġdid, Mons. Pawlu Cardona

**3 ta' Novembru 2007**

*"Caro Paolo"*, insellimlek;
ftaħt inkellmek bit-Taljan.
Issa, bogħod minn San Liborio,
ta' San Ġorġ nilqgħek fi ħdan!

Nagħtik merħba fil-parroċċa,
fil-qalba tal-belt Victoria,
f'knisja ħajja u attiva
u mżejna b'ħafna storja.

Mhux piż żgħir sejjer int terfa'
u ġġorr fuq saħħet drieghek,
Iżda xejn la taqta' qalbek;
lilna ser issibna miegħek.

Inti taf: dawk li ġew qablek
lit-Tribun ħabbew bis-sħiħ
u mas-snin "kumpless" hawn bnewlu –
dan jarah kulħadd b'għajnejh.

Iben kbir ta' Margerita,
inti ġejt fost ir-Rabtin;
ferħet ommok, ħutek, ħbiebek,
u magħhom is-Sannatin.

Familja oħra issa għandek
kollha Stilel u Ġorġjani
illi lilek diġà fetħu
l-bibien u l-persjani

sabiex tibqa' dieħel għandhom
bħala Ragħaj ta' dil-parroċċa –
lilom tmexxi, twiddeb, tgħallem,
u tgħaqqadhom bħal qaqoċċa!

Waqt li mill-ġdid nawguralek,
lil San Ġorġ nitlob illum
biex iseddqek, jieħu ħsiebek
sakemm fostna inti ddum.

Ibqa' stinka fl-għalqa tiegħu
u ressaqlu għadd t'erwieħ;
bih fil-leminija tiegħek
tħossok qawwi u mistrieħ.

Minn ġos-sema jitbissimlek
qiegħed nilmaħ lit-Tribun
u flimkien ma' Sawl ta' Tarsu
dlonk jimliek b'kuraġġ ta' ljun.

Int bħal Kristu ġejt hawn f'nofsna
sabiex tkun tagħna l-qaddej.
Inwiegħduk it-talb minn tagħna,
kemm għal issa u għal li ġej.

Meta tħoss il piż qed jagħfas
għandek żewġ qaddisin kbar –
Margerita u ta' Lydda,
miegħek dejjem lejl u nhar!

Kuraġġ mela, *"Caro Paolo"*:
tbissem, aħdem, tgħejja qatt;
għal warajk ilkoll iġbidna,
kun il-bniedem ta' kulħadd!

Ħares dejjem 'il quddiem
u żgur tgħix fl-hena, fis-sliem.




# Diskors ta' l-Arċipriet fil-Pussess

**4 ta' Novembru 2007**

Eċċellenza Reverendissma, Mons. Isqof
u missier tagħna,
Eċċellenza Sur President,
Reverendo Mons. Perici,
Ħuti fis-saċerdozju,
Għeżież fidili Kristjani,

Nixtieq nibda d-diskors tiegħi bl-episodju tal-Vanġelu ta' Kristu fiċ-Ċenaklu fejn Ġesù jaħsel saqajn l-Appostli u juri li l-missjoni tiegħu hija bbażata fuq il-qadi lill-bniedem: "Jiena qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej" (Luqa 22:27).

Dawn huma l-istess kelmiet li jiena għażilt fil-bidu tal-missjoni tiegħi fostkom bħala ragħaj ta' din il-parroċċa. U jien bħala ragħaj qiegħed f'isem l-isqof li jirrappreżenta lil Kristu, ir-Ragħaj il-kbir. Din il-missjoni tesprimiha tajjeb l-eżortazzjoni appostolika *Pastores dabo vobis*[1] tal-papa Ġwanni Pawlu II, meta tgħid:

"Ragħaj tal komunità, is saċerdot qiegħed hemm għaliha u jgħix għaliha; għaliha huwa jitlob, jistudja, jaħdem u jbati; għaliha huwa lest li joffri ħajtu, filwaqt li jħobbha bħal Kristu, u jagħniha bl-imħabba kollha tiegħu u r-rispett; jagħmel ħiltu kollha, mingħajr ma jagħti każ taż-żmien, sabiex jagħmel minnha xbieha tal-Knisja bħala Għarusa ta' Kristu, aktar sabiħa minn qatt qabel u li tkun tixraq lill-Missier u lill-imħabba ta' l-Ispirtu s-Santu".[2]

Quddiem dan il-kliem inħoss ir responsabbiltà li nkun fostkom bħala qaddej.

## Qaddej tal Kelma

Fid-dawl tal-Kelma ispirata nifformaw lilna nfusna bħala membri denji tal-merħla ta' Kristu bil missjoni tagħna fil-Knisja tiegħu. Nagħmel tiegħi l-kliem ta' San Pawl lill-Galatin (4:19) li jgħid: "Uliedi, inħoss mill-ġdid l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom". U jkompli lill-Korintin: "Sirt dgħajjef mad-dgħajfin biex nirbaħ lid-dgħajfin. Sirt kollox għal kulħadd, biex hekk jew hekk insalva lil xi wħud. Dan kollu nagħmlu minħabba l-Evanġelju, biex ikolli jiena wkoll sehem mill-ġid tiegħu" (1 Kor 9:22-23).

## Qaddej ta' l-Ewkaristija

Nieħu ħsieb li l-merħla ta' din il-komunità tinġabar madwar il-mejda Ewkaristika biex titmantna bil-ġisem u d-demm ta' Kristu ħalli tissaħħaħ fina l-għaqda tagħna ma' Kristu, vittma li jingħata għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Iċ-ċentralità ta' l-Ewkaristija ma tkunx tidher biss mill mod dinjituż u kif niċċelebraw is Sagrifiċċju mqaddes, iżda wkoll mill-adorazzjoni tas-Sagrament mgħixa b'mod frekwenti. Il-fidi u l-imħabba għall-Ewkaristija ma jistgħux iħallu li l-preżenza ta' Kristu fosta fit-tabernaklu tibqa' waħidha.[3] Anzi "iż-żjara lis-Sagrament imqaddes hi prova ta' ħajr, sinjal ta' mħabba u dmir ta' adorazzjoni lejn Kristu sidna".[4]

## Qaddej ta' l-Għaqda

Fuq l-eżempju ta' Kristu, li jippreżenta lilu nnifsu bħala r Ragħaj it tajjeb (Ġw 6:11) li jfittex in-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:4), u qalilna. "Ġejt biex ikollkom il-ħajja, u jkollkom bil-kotra". Għax ir-Ragħaj it-tajjeb "jagħraf in-nagħaġ tiegħu u huma jagħrfu lilu; jagħti ħajtu għan-nagħaġ" (14-15), u jitlob għall-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu fil-Kelma tiegħu u ta' l-Appostli (ara Ġw 17:20-21). Nixtieq li anki jien ikolli bħala wieħed mill-impenji ewlenin tiegħi l-għaqda fi ħdan il-komunità tagħna, l-għaqda fil-qalb tal-familji tagħna u l-għaqda ma' dawk li tbegħdu mill-merħla.

Hekk, fuq l eżempju tal maħbub tagħna, San Ġorġ martri, xhud kbir tat-twemmin fi Kristu, inkunu nistgħu nagħtu xhieda awtentika tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu u qalbna tkun mimlija biex tilqa', tħobb u tgħożż lil kull bniedem bħala xbieha ta' Alla.



[1] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika post-sinodali *Pastore dabo vobis*, 22-23.
[2] Kongregazzjoni tal-Kleru, *Direttorio per il ministero e la vita dei presbiteri*, (31 Jannar 1994), 55.
[3] Ġwanni Pawlu II, *Katekeżi*, fl-Udjenza Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 1993, 6; *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1418.
[4] Pawlu VI, Ittra enċiklika *Mysterium fidei*, 1965, 57.



Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex

# Omelija tal-Pussess ta' Mons. Pawlu Cardona

**4 ta' Novembru 2007**

QARI: **Lq 19:1 10**

"Semmajtli l-vuċi tiegħek u widnejja nfetħu beraħ għal-leħen tiegħek. Ibbrillajt quddiemi bil-ġmiel tiegħek u għajnejja nfetħu biex jitgħaxxqu b'dan is-sebħ. Kont għalija fwieħa u mnifsejja miftuħin biex jirċievu din il-fwieħa li sserraħ il-qalb. Kont għalija ikel u għandi ġuħ kbir biex nitmantna bik". Hekk jgħid Sant'Wistin meta jiddiskrivi l-laqgħa tiegħu ma' Kristu fl-*Istqarrijiet*, fil-*Confessiones* tiegħu.

U f'din il-ġurnata li fiha int, għażiż Dun Pawl, qed tagħti bidu għall-ministeru pastorali tiegħek bħala arċipriet; f'din il-ġurnata li intom, għeżież uliedi, komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, qegħdin tibdew fażi oħra fil-ħajja Kristjana ekkleżjali tagħkom, dan huwa l-awgurju tiegħi: illi bħal Sant'Wistin intom tkunu tistgħu tafferraw illi, għax smajtu l-Kelma, widnejkom infetħu; għaliex ibbrilla d-dawl li huwa Alla quddiemkom, għajnejkom infeħtu; għaliex tiggustaw il-fwieħa ta' Kristu, tirrespiraw din l-arja pura; għaliex intom bil-ġuħ, dak illi jtaffi l-ġuħ tagħkom ikun Kristu, u Kristu biss.

Allura tifhmu għaliex proprju fid-digriet li għamilt tal-ħatra ta' l-arċipriet tagħkom għamiltlu din il-premura: "Sakemm Kristu jissawwar f'kull wieħed u waħda mill-membri tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, jiena nħeġġek biex b'imħabba kbira inti twettaq dan il-ministeru li qed nafdalek f'idejk illum". U fid-dawl tal-Bxara t-Tajba illi l-Knisja twasslilna f'dan il-wieħed u tletin Ħadd tas-sena, jiena meta mmeditajt u tlabt fuq it-test tal-Vanġelu sibt xi punti illi forsi jistgħu jorjentawna f'din id-direzzjoni.

Il-ġrajja li jirrakonta Luqa sseħħ proprju fil-belt ta' Ġeriko. Tgħidilkom xi ħaġa l-belt ta' Ġeriko? Lili tfakkarni f'dak il-passaġġ li hemm fil-ktieb ta' Ġożwè, meta kien hemm bżonn illi l-belt ta' Ġeriko tiġġedded, kien hemm bżonn illi l-belt ta' Ġeriko tinħatt u tiġi mnaddfa mill-għadu tal-poplu ta' Alla. Għeżież tiegħi, din hija r-realtà tal-Knisja fid-dinja kollha kemm hi, anki f'pajjiżna. U l-komunità parrokkjali tagħna hija espressjoni tal-Knisja fid-djoċesi tagħna. Hemm bżonn illi anki aħna, jekk hemm bżonn, inħottu l-Ġeriko tal-lum. Hemm bżonn illi nħottu, jiġifieri, dik il-belt tal-bniedem illi l-bniedem illum qiegħed jazzarda jibni mingħajr Alla. Hemm bżonn illi nħottu ċerti strutturi jekk m'humiex ta' qadi għall-bniedem u ta' glorja għal Alla. Hemm bżonn illi neliminaw ċerta mentalità, ċerti skemi mentali illi, flok ma jgħinuna biex inkunu poplu ta' Alla, ifixkluna.

Għaliex x'hemm fil-belt tal-bniedem li ħalaq Alla? Hemm Żakkew, kif jippreżentah Luqa fil-Vanġelu. Min hu Żakkew? Mhux ħa nintilef biex infisser x'inhi l-professjoni tiegħu, imma Luqa jgħid: Żakkew huwa raġel illi "kellu xewqa li jara" u jkun jaf min hu Ġesù. Forsi jiena żbaljat, imma nħoss illi anki fis-soċjetà tagħna, kif esprimejt f'dik l-ittra li tajt lill-arċipriet tagħkom, hawn hafna ghandhom xewqa għal Alla, hawn ħafna illi jixtiequ jaraw lil Ġesù. Bħalma għamlu dawk il-Griegi – kif jirrakkontalna San Ġwann – illi marru fuq tnejn mid-dixxipli u qalulhom: "Irridu naraw lil Ġesù". Qed ninterpreta sewwa s-sentimenti taghkom, gheżież tieghi? Qed nghid sew li intom tixtiequ taraw lil Ġesù... iktar u iktar meta anki fid-dawl tal Vanġelu naraw x'ifisser tiskopri lill Ġesù veru? Għax jista' jkollna immaġni falza ta' Kristu.

U x'inhuma l-effetti ta' min jiltaqa' ma' Kristu? Li jkun hemm ordni iktar ġust bejnietna l-bnedmin, tant illi Żakkew ħass illi għandu jrodd dak li kien kiseb b'mod inġust. Li tkun taf lil Kristu jfisser li jkun hemm iktar sens ta' fraternità, li jkun hemm tassew spirtu ta' familja waħda, tant illi Żakkew ħass illi kellu jaqsam nofs ġidu mal-foqra, ma' dawk li l aktar jeħtieġu l għajnuna u l imħabba tagħna. Għalhekk, fil-bidu tal-ministeru tiegħek, għażiż Arċipriet, jiena nħeġġek biex tagħmel minn kollox ħalli, f'ħinu u barra minn ħinu, inti ssus wara dawn ħutna u tgħinhom jiltaqgħu ma' Ġesù; inti twieġeb għal xewqat profondi li hemm fil-qalb tagħhom. U gwaj għall-Knisja jekk illum ma tagħtix risposta, ma tagħtix tweġiba għal dawn l-esiġenzi ġusti, qaddisa li hemm fikom.

Imma anki l-Vanġelu tal-lum lili jispirani fuq x'metodi pastorali għandna nħaddnu fil-missjoni tagħna. L-ewwel u qabel kollox: tindunaw illi Kristu huwa dak illi mar ifittex lil Żakkew? Veru li

Żakkew tela' fuq is-siġra, imma Luqa jgħidilna: Kristu ħares minn isfel għal fuq. U l-ħarsa tiegħu ltaqgħet mal ħarsa tal bniedem. U din għandha tkun il-pastorali tagħna. Mhux tant illi nistennew lil ħaddieħor jiġi għandna, imma li aħna mmorru għand ħutna l-bnedmin.

Kristu jsejjaħlu b'ismu lil Żakkew. Intom tafu illi f'Luqa – qegħdin f'kapitlu dsatax, kważi wasalna fl-aħħar – din hija t-tielet darba illi Kristu jsejjaħ lil xi ħadd b'ismu? L-ewwel lil Xmun il-Fariżew, imbagħad lil Marija, oħt Lazzru, issa lil Żakkew. U x'ifisser illi jsejjaħ lil Żakkew b'ismu? Ifisser li għandu rapport persunali, għandu relazzjoni individwali mal bniedem. U ma tistagħġibx li qed ngħid dan għaliex Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb, qalilna illi r-ragħaj it-tajjeb jaf in-nagħaġ tiegħu u jagħrafhom u jsejħilhom b'isimhom. U vantaġġ fil-parroċċi tagħna hu li aħna parroċċi *"a misura di uomo"* u allura faċli illi nkunu nafu lill-komunità tagħna b'isimha. Għax li tkun taf lill-bniedem b'ismu jfisser li qed toħorġu mill-iżolament tiegħu; ifisser li qiegħed tirrikonoxxih fl-individwalità tiegħu. U hemm bżonn li l-pastorali tagħna ma tkunx pastorali tal-massa imma tkun pastorali indirizzata lill-persuni individwalment skond il-ħtiġijiet individwali tagħhom.

X'jispirani iktar f'dik li hija pastorali fil-Vanġelu tal-lum? Kristu qallu: "Żakkew, ħi, inżel malajr, għax illum jeħtieġli niġi noqgħod għandek". U mar id-dar tiegħu. U l-verb li hemm fil-Grieg jindika li ma marx viżta qasira – daħal u ħareġ – imma mar u qagħad għandu. U din ukoll trid tkun karatteristika tal-pastorali tagħna: illi aħna niġu għandkom, li aħna niltaqgħu mal-familja tagħkom, li aħna noffru biex inkunu prezenti fil-grajja tagħkom, fl-istorja tagħkom, ħalli lil-familja intom tkunu fil-libertà illi taqsmu magħna, u jekk hemm bżonn anki aħna nerfgħu parti mill-piż tal-ħajja. Għalhekk iż-żjajjar lil-familji huma indispensabbli. Dan qed ngħidu għalik, Dun Pawl, u qed ngħidu għall-parroki, għall-kappillani u s-saċerdoti kollha. Hemm bżonn li aħna, bħalma għamel Kristu, immorru noqogħdu għand ħutna, għax iriduna! Iriduna... imma forsi aħna tant għandna x'nagħmlu, jew tant nivvintaw x'nagħmlu, illi ma nsibux ħin biex nagħmlu dak li hu meħtieġ. Allura hemm bżonn ta' reviżjoni f'din il-ħaġa.

Għeżież tiegħi, imbagħad x'jgħidlu Kristu lil Żakkew? "Inżel minn fuq dik is-siġra". Imma jgħidlu wkoll: "Inżel minn fuq dik is-siġra biex jien issa nitla' fuq is-siġra, u nitla' fuq is-Salib. U int ejja miegħi". U allura anki aħna lill-poplu ta' Alla rridu ngħinuh jinżel minfejn jitla' għal motivi differenti, imma biex aħna nitilgħu floku u, jekk irid, jitla' magħna fuq is-Salib; dak is-Salib li jiena tajtek fil bidu xħin ġejt biex tidħol f'din il-bażilika. Għaliex, għeżież tiegħi, jekk aħna niċħdu s-Salib, jekk aħna naħbu s-Salib, allura din m'hix ir-reliġjon li nemmen fiha jien, allura din m'hix il-Knisja ta' Kristu; hija Knisja oħra.

Għeżież tiegħi, dawn huma l-ftit ħsibijiet li jiena slitt mill-Kelma ta' Alla, ħsibijiet li jista' jislithom kulħadd, basta jkollna s-sabar, il-ħin u l-imħabba biex naqbdu l-Kelma ta' Alla f'idejna. U dik hi l-proposta li qed tagħmel il-Knisja tagħna din is-sena: "Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju". Għax dak li naqra jien tista' taqrah int. Naturalment aħna għandna d-dmir li ngħinukom biex tagħmlu din il-lettura.

Għażiż Arċipriet, lilek u lil sħabek is-saċerdoti, 'il-Kapitlu ta' din il-bażilika, 'il-lajċi impenjati, jiena nawguralkom dan kollu, biex kif Kristu ħarrek il-kuxjenza ta' Żakkew, intom tkunu kapaċi tħarrku l-kuxjenza ta' ħutna li xi drabi għandi l-impressjoni li hi kuxjenza rieqda, jekk mhux ukoll kuxjenza ffurmata ħażin. U dan ngħidu b'responsabbiltà, għax jiena l-isqof tagħkom, u dan ukoll irrid inwieġeb għalih jiena.

B'dan il-mod, għeżież tiegħi, il-ministeru tal-kappillan, il-ministeru tas-saċerdot iħalli l-frott u jkun jista' jgħinkom tissodisfaw dawk il-bżonnijiet li tkellem fuqhom Sant'Wistin fl-*Istqarrijiet* tiegħu: illi widnejkom jistennew li jisimgħu, mhux kelma vojta, imma l-Kelma ta' Alla; illi l-għajnejn tagħna jinfetħu, u jinfetħu mhux biex jaraw it-taparsi ġmiel, il-psewdo-ġmiel, imma jaraw is-sebħ, il-ġmiel ta' Alla li deher fi Kristu; illi l-pulmun tagħna ma jimteliex b'arja inkwinata f'kull sens tal-kelma, imma jimtela bil-fwieħa ta' Kristu; illi l-ikel tagħna jkun ikel li jaslilna permezz tal-Kelma u permezz ta' l-Ewkaristija.

Jiena nafdak lit Trinità Qaddisa, Dun Pawl, bl interċessjoni ta' San Ġorġ Martri, li jżejjen dan it-tempju, Patrun tagħna. San Ġorġ għandu jispirak, kif għidtlek fl-ittra li tajtek, ħalli inti tkun xhud distint ta' Kristu, anki jekk jiġrilek kif ġralu Kristu meta mar għand Żakkew; kien hemm min ma fehmux, għax qal: "Dak irrikuperabbli; dak ma tistax tirbħu lil Żakkew; dak impossibbli li tfejqu, li tibni relazzjoni miegħu". Imma Kristu mar... ħallas. U San Ġorġ f'dan kollu jispirak, lilek u lilkom, għeżież tiegħi, illi nafdakom f'idejn Alla.

Nota Editorjali: Din hi traskrizzjoni fidila (minn Francesco Pio Attard) ta' l-omelija kif imxandra fuq l-istazzjon tar-radju *Leħen il-Belt Victoria*.




# Diskors ta' Merħba fil-Pussess ta' Mons. Pawlu Cardona

**4 ta' Novembru 2007**

Ulied il megalomartri Ġorġi jsellmu lil bin il-megalomartri Margerita. Ulied l-Appostlu tal Ġnus jagħtu merħba lil *"don Paolo"*. Ulied il-Protettur ta' l-Għawdxin jilqgħu lir-ragħaj il-ġdid ġej miċ-ċentru tal-Kristjaneżmu.

Iva, Monsinjur Arċipriet, qlajniek mill-bogħod; mhux tant iż-żewġ mili ta' dalgħodu minn raħal twelidek, mill-fonti li tak l-identità Kristjana; ġejtilna minn qrib Pietru – mill-parroċċa ta' San Liborju, isqof magħruf għall-ħidma tiegħu favur l-għaqda u l-paċi; jalla sinjal propizjatorju.

Ma tantx konna nafuk *"quella sera"* – biex ngħidhielek *la* Taljana – *"quella sera fatidica"* mank xahrejn ilu, u lanqas kont tafna wisq lilna.

Illum jien konvint li diġà ħadt idea tajba – u, nittama, pożittiva – ta' l-identità tagħna. Iva naħseb ftit ftit qiegħed tapprezza xi tfisser tkun Ġorġjan.

Il-Ġorġjani naraw fil-Patrun tagħna kalamita qawwija li tindirizzana lejn Ġesù. Ġorġjan ġenwin – u mhux biss ta' l-isem – irid jimitah billi jkun martri, anki jekk biss fis-sens etimoloġiku. Kemm individwalment u kemm bħala komunità rridu nirsistu biex nagħtu xhieda – xhieda tas-sbuħija ta' twemminna, tal-mixja wara Kristu, akkost tas-sagrifiċċju, anki bil-periklu li ninftehmu ħażin, basta marbutin mal-Verità.

Iva, veru Ġorġjan ifittex is-sbuħija, Ibda mil-liturġija u spiċċa fl-arti u l-kultura. Immexxija mill predeċessuri tiegħek – l-aħħar f'lista distinta Mons. Farrugia – drajna nwettqu prinċipju muri fl-istorja biblika bikrija ta' Abel: li l-iprem jixraq lill Mulej!

Iva, bdejt tidħol fl-ispirtu tagħna – u nimmaġina li bdejt tifhem li arċipriet ta' San Gorġ m'hux l-eħfef inkarigu li stajt tirċievi! Għax din missjoni b'żewġ aspetti separati, anki jekk mhux kontrastanti. kappillan tal-parroċċa kif ukoll rettur tal-bażilika.

Il-knisja tagħna – mhux b'ton trijonfalistiku iżda sempliċement fattwali, u b'ringrazzjament lil ta' qabilna – din il-"ġawhra" toffri servizz sagramentali u liturġiku impressjonanti u imprezzabbli: offerta ta' qadi u servizz lil hemm mill-konfini strettament parrokkjali.

Filfatt l-istorja li writna u l-esperjenza tagħna daħħlu f'demmna l-karatteristika li ma nistgħux inkunu esklussivisti: kulħadd milqugħ, u bil-provi.

Din l-identità li miftuħin biex nilqgħu trawwem allura aspetti pożittivi bħal kuntatti ma' min m'huwiex Kattoliku u ma' min mank hu Kristjan, għax ma nistgħux, ma għandniex nippruvaw nikkapparraw għalina d-doni li rċivejna!

Iva, xogħol vast, ħidma wiesgħa li qatt ma tħallik tgħid "daqshekk biżżejjed, wasalna". Filfatt dawn l-aħħar snin saru sforzi biex jiżdied vigarju parrokkjali ieħor, biex jinġieb saċerdot ħalli jaqsam il-piż hekk li jkunu jistgħu jissaħħu ċerti aspetti (bħall-attenzjoni għall-periferiji).

U ġejt int – żieda ċara mar-riżorsi umani eżistenti – anki jekk żgur ma kontx f'moħħna: ma nafx qattx kellna parroku totalment sajjem minn kwalunkwe kuntatt preċedenti. Mur ifhimhom triqat il-Mulej!

Iva, Monsinjur Cardona, mill-ewwel ilqajniek u offrejnielek għajnuna u sapport. U bilġri jgħaddu dawn il-jiem speċjali ċelebrattivi ħalli mmiddu għonqna biex inkomplu nibnu u nsaħħu, ġimgħa wara ġimgħa, rutina li ma għandniex naqgħu fit-tentazzjoni li nittrattawha bħala tali, fi żminijiet kemm ordinarji u kemm festivi! Iva b'kunfidenza nwegħdek kollaborazzjoni sħiħa.

U int żgur għandek ħafna x'toffrilna fil-mixja





tagħna: jekk xejn, l-ispiritwalità Giaquitinjana – li konna ġa bdejna nduqu permezz tal-mibki Mons. Borg – u tant kariżmi li Alla għoġbu jżejnek bihom u li rawwimt matul din l-esperjenza qawwija fid-diriġenza ta' l-Istitut u tal-Moviment.

Eċċellenza Reverendissma, l-ikona ta' l-Annunzjazzjoni li ppreżentajtilna għal din is-sena pastorali tfakkarni fil-*"fiat mihi"*, l-iva ta' Marija.

Anki din il-komunità parrokkjali, tant sinjura fid-devozzjonijiet marjani – ibda, hawn barra, mill-Kunċizzjoni –, bla ma fehmet, aċċettat bl-ubbidjenza mistennija lill-isqof.

Ippermettili allura nirripeti dak li tlabtek is-sena l-oħra bħala ragħaj ġdid tad-djoċesi u naddattah għar-ragħaj il-ġdid tal-parroċċa. wasslilna tagħlim ġenwin, ara li ma nibqgħux passivi; ħeġġiġna nkunu proattivi. Inweġħdek talbna, noffrilek id-disponibbiltà ta' wlied fidili.

Jalla dan l-entużjażmu ma jiddgħajjifx. Nitlob għad-dawl biex, taħt il-mant ta' sidtna Marija – omm Alla u ommna – u bl-interċessjoni inċessanti u ispiratorja tal-patrun San Ġorġ, – fl-għarfien tas-sinjali taż żminijiet inkomplu għalenija nirsistu bl-ikbar maturità għall-ġid komuni, għall-aħjar ta' beltna, tal-Knisja, tas-soċjetà.

## Rit ta' l-Ammissjoni taż-żewġ seminaristi tagħna

Nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru 2007, fil-17.00, l-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa Ċelebrazzjoni tal-Kelma fil-knisja arċipretali tal-verġni Marija ta' Loreto, f'Għajnsielem, li fiha sar ir-Rit ta' l-Ammissjoni ta' erba' seminaristi mid-djoċesi ta' Għawdex. Dawn kienu ż-żewġ seminaristi tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia, flimkien ma' Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur u Maximillian Grech mill-parroċċa ta' l-Assunta fil-katidral.

Għal din iċ-ċelebrazzjoni sabiħa, li damet ftit iktar minn siegħa, kienu preżenti wkoll l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, li fi żmienu daħlu s-seminarju Francesco Pio u Simon. Dan barra l-istess membri tal-komunità tas-seminarju, li mlew il-knisja għall-okkażjoni, u bosta qraba u ħbieb, fosthom anki l-gruppi ta' l-adoloxxenti u l-vokazzjonijiet mill-parroċċi ta' San Ġorġ, u anki taż-Żebbuġ u tax-Xewkija, fejn iż-żewġ seminaristi tagħna messhom jagħmlu ħidma pastorali tul din is-sena.

Ir-Rit ta' l-Ammissjoni hu l-ewwel pass "formali" tas-seminarista lejn is-saċerdozju, hekk kif l-isqof jilqgħu għall-mixja li tulha aktar tard jingħata l-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat, sakemm imbagħad jirċievi l-ordinazzjoni. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, l-erba' seminaristi wieħed wieħed taw xhieda persunali tal-ħidma



tal-Kelma fil-ħajja u s-sejħa tagħhom, biex imbagħad l-isqof ukoll għamel ir-riflessjoni tiegħu. L-aħħar parti taċ-ċelebrazzjoni kienet ir-rit innifsu, li fih l-isqof, wara li għamel xi mistoqsijiet lill-erba' seminaristi, laqagħhom uffiċjalment bħala kandidati għall-ministeri u l-Ordni Sagri fi ħdan id-djoċesi ta' Għawdex.

Francesco Pio u Simon jinsabu fil-ħames sena tal-formazzjoni tagħhom fis-seminarju ta' Għawdex, wara li bejn l-2006 u l-2007 għamlu s-sena intermedjarja fl-Iskozja u fl-Italja, rispettivament. Bħala komunità parrokkjali aħna mistednin nitolbu għalihom huma u jfittxu iżjed fil-fond x'inhi r-rieda ta' Alla għalihom.

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal, kif intom? Naħseb li sa ma tiġi f'idejkom din ir-rivista tagħna tkunu rġajtu lura lejn il-bankijiet ta' l-iskola. "Kull mibdi mitmum", jgħid il-qawl Malti, u allura, wara l-vaganzi tal-Milied, issa sewwa li terġgħu tmorru l-iskola biex tkomplu fit-triq li qbadtu. Ċert li għandkom ħafna x'tirrakkuntaw. Kellkom vaganzi twal li bdew fit 23 ta' Diċembru 2007 u baqgħu sejrin sas-6 ta Jannar 2008. Il-Milied hija festa għażiża u magħha għandna marbutin għadd ta' drawwiet sbieħ u għeżież li nidu nibżgħu għalihom u ma nħalluhomx jintilfu maż-żmien. Naħseb li lkoll kemm intom għamlltu l-presepju fid dar u żgur li hafna minnkom attendejtu għall-ġranet sbieħ tan-Novena għax rajtkom fil-knisja tirbħu anke xi rigali li kien qed itella' l-Arċipriet kuljum. Rajt ħafna minnkom ukoll fil-Purċissjoni tal-Bambin lejlet il-Milied u smajt ukoll lil George jagħmel il-priedka tal-Milied. Xi darba tista' tiġi t-"turn" tagħkom ukoll! Min jaf kemm iddubbajtu rigali! Tkissruhomx imma ibżgħu għalihom għax għad tikbru u tibqgħu tiftakru fil-ġranet sbieħ tat-tfulija li ma terġax tiġi lura! Għallinqas, tiegħi qatt ma ġiet!

Qed niftakar ll lktar tard dan ix xahar jasal ll Karnival u mill-ġdid idabbru xi żewġ vaganzi oħra. Naħseb li ssib minnkom ukoll min jilbes xi kostum u xi maskra. Ħudu gost imma tagħtu fastidju lil ħadd. Żgur li meta ddaħħlu idejkom fil-but, issa sa tibdew issibu muniti differenti għax issa l-pajjiż tagħna qaleb għal ewro. Fl-iskola naf li qalulkom ħafna dwar din il-bidla u l-istudenti tal-primarja tal-Years 4, 5 u 6 tawhom anke ktieb interessanti dwar hekk. Kollox jindara fil-ħajja u wara l-aħħar ta' Jannar f'idejna jkollna biss din il-munita l-ġdida u allura ma jkunx hemm fejn wiehed jinfixel. Żommu f'moħħkom biss li ewro jiswa daqs 43 cents u li 2 ewro u 33 cents jagħmlu (jew kienu jagħmlu) lira Maltija.

Waħħlu moħħkom hemm għax iż-żmien jitqerbeb malajr u ssibu ma' wiċċkom l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Biex tiksbu riżultat tajjeb tridu taħdmu u tistinkaw għax xejn ma jaqa' mis-sema. Mela nawguralkom u nselli għalikom.

*Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (12)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** *vasanti@waldonet.net.mt*

## Santa Briġida ta' l-Isvezja

*(tifkira liturġika fit-23 ta' Lulju)*

Din il-patruna ta' dal-pajjiż Skandinavu twieldet ġo familja aristokratika fl-1303. Forsi magħrufa l-iktar illum bħala mistika u bħala fundatriċi. Iżda l-Papa Ġwanni Pawlu II, meta ħatarha kumpatruna ta' l-Ewropa fl-1999, emfasizza li fl-ewwel parti ta' ħajjitha kienet miżżewġa. Din il-koppja eżemplari għaqqdet l-imħabba mat-talb, il-Bibbja, il-mortifikazzjoni u l-karita'; saħansitra kienu, fost ħidmiet oħra, jgħinu fi sptar li waqqfu. Iffurmaw familja qaddisa, għall-vantaġġ ta' uliedhom: waħda minnhom hi meqjuma bħala Santa Katerina ta' l-Isvezja. Ftit wara li kienu żaru s-Santwarju ta' Campostella, żewġha miet. Fehmet li Ġesù qiegħed isejħilha għal missjoni ġdida; u infatti ħassitu jmexxiha pass pass, permezz ta' sensiela ta' grazzji mistiċi.

Telqet pajjiżha u marret tgħix Ruma - pass li għenha kulturalment u spiritwalment. Żaret diversi postijiet b'relikwi u tifkiriet qaddisa, inkluża l-Art Imqaddsa. Dan kollu xettel fiha sens profond tal-misteru ta' Kristu u tal-Knisja, ħeġġa li wasslitha biex tieħu sehem attiv fil-bini tal-komunità ekklesjali f'perjodu kritiku ta' l-istorja. Bdiet tiġi mfittxija ferm għad-doni li dehru fiha, inkluż leħen profetiku li bih - bla biża' - kienet tisħaq dwar il-bżonn ta' riforni u tisħiħ morali fil-Knisja u fis-soċjetà. Għalkemm qatt ma saret l-ebda dikjarazzjoni uffiċjali dwar ir-rivelazzjonijiet (u dehriet) ta' din il-fundatriċi - l-Ordni tas-Salvatur, jew sorijiet "Briġidini"- ma hemmx dubju dwar l-awtentiċità ta' l-esperjenza interjuri tagħha: eżempju qawwi ta' kariżmi mgħixa f'komunjoni ekklesjali u f'relazzjoni intima ma' l-Ispirtu s-Santu. Mietet f'Ruma fl-1373 ta' sebgħin.



Il-kitbiet tagħha ħallew impatt, ngħidu aħna, fuq kif l-artisti pittru (speċjalment tis-seklu 15) in-Nativita'. Infatti ddeskriviet lil Marija bid-dawl għaddej minn ġo fiha u rat lil Ġużeppi jġib xemgħa minħabba li kien bil-lejl. Tkompli b'dettalji dwar it-tarbija divina tgħammex u dwar il-Madonna baxxuta f'att ta' adorazzjoni: "Alla tiegħi; Mulejja; Ibni". U nagħlaq billi nirreferi li, fost id-dehriet, kellha anki almenu waħda ta' San Ġorġ - biex iqawwiha f'dawk iż-żminijiet diffiċli.

*Il-Prof. Conti wera lil din il-fundatriċi fil-ġenb tat-tieqa fuq ir-riħ ta' San Ġużepp fil-bażilika.*

*Ta' min jaqra l-istudju ta' Dun George J. Frendo fil-volum enċiklopediku SAN ĠORĠ – paġni 68-69.*

1



2



3



4


5



6


Librarian,
College,

**1** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, flimkien ma' l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia u l-arċipriet Ta' Sannat Mons. Tarcisio Camilleri, telgħin Triq ir-Repubblika. **2** Il-ġemgħa Ġorġjana, flimkien mal-banda ċittadina *La Stella*, tilqa' lil Mons. Cardona fi Pjazza San Ġorġ. **3** Wieħed mis-simboli prominenti taċ-ċerimonja tal-pussess: l-arċipriet il-ġdid iħabbat fuq il-bieb il-kbir tal-bronż tal-bażilika. **4** Mons. Cardona jagħmel il-wegħdiet solenni tiegħu quddiem Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, waqt il-quddiesa tal-pussess. **5** L-arċipriet elett jiġbed l-ewwel tokki tal-qanpiena l-kbira, simbolu ieħor sinifikanti fir-rit tal-pussess. **6** Mumenti ta' festa fiċ-ċentru parrokkjali wara l-funzjoni solenni.

# Lectio Divina

**Qari, Tifsir u Meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, it-Tnejn u t-Tlieta fis-7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Imexxi l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona.**

## ADORAZZJONI FIS-SKIET

**Il-Ħamis bejn is-7.30 u d-9.00pm fil-Bażilika.**